**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

# ►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/659

## tat-12 ta' April 2018

## dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-*ova* u l-embrijuni tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 110, 30.4.2018, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1301 tas-27 ta' Settembru 2018 | L 244 | 10 | 28.9.2018 |

▼B

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/659

## tat-12 ta' April 2018

## dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-*ova* u l-embrijuni tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*L-EWWEL TAQSIMA*

***Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet***

*Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-lista tal-pajjiżi terzi u partijiet mit-territorju tal-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat li jiddaħħlu fl-Unjoni konsenji ta' ekwidi u tas-semen, l-*ova* u l-embrijuni tagħhom.

Barra minn hekk, dan jistipula r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja li tapplika għal dawk il-konsenji.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ir-"reġjonalizzazzjoni" tfisser ir-rikonoxximent uffiċjali ta' parti mit-territorju ta' pajjiż terz bil-limiti ġeografiċi ppreċiżati, fejn tinsab sottopopolazzjoni ta' ekwidi bi stat ta' saħħa distint rigward xi marda speċifika jew mard speċifiku li hu soġġett għas-sorveljanza xierqa u għal miżuri ta' kontroll tal-mard u ta' bijosigurtà;

(b) Id-"dokument ta' identifikazzjoni" tfisser kwalunkwe dokument li jista' jintuża biex jagħti prova tal-identità ta' annimal ekwin u li jkun fih mill-inqas din l-informazzjoni li ġejja:

(i) biċċa kitba li tiddeskrivi l-annimal u tirreġistra l-marki tiegħu permezz ta' dijagramma ta' figura tal-annimal li fiha jitpinġew il-marki;

(ii) referenza għall-marki speċifiċi, għall-karatteristiki jew mezzi oħra ta' identifikazzjoni li joħolqu rabta ċara bejn l-annimal u d-dokument;

(iii) l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1, 2, 3, u 6 sa 10 tal-Parti A u fil-punti 12 sa 18 tal-Parti B tal-Ewwel Taqsima tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 ([1]);

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* (Regolament dwar il-Passaport Ekwin) (ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1).

▼B

| | |
|---|---|
| (c) Iż-“żiemel reġistrat” | tfisser annimal tal-ispeċi *Equus caballus* irreġistrat kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE ([1]), identifikat permezz ta' dokument tal-identifikazzjoni maħruġ minn:<br>(i) l-awtorità tat-tgħammir jew xi awtorità kompetenti oħra tal-pajjiż minn fejn l-annimal joriġina u li tamministra l-istud-book jew ir-reġistru għal dik ir-razza ta' annimal; jew<br>(ii) xi assoċazzjoni jew organizzazzjoni internazzjonali li tamministra ż-żwiemel għal kompetizzjoni jew għal tiġrija; |
| (d) Id-“dħul” | tfisser l-azzjoni li biha jiġu ttrasportati l-ekwidi jew is-semen, l-ova jew l-embrijuni tagħhom għal ġo wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ([2]); |
| (e) It-“tip ta' dħul” | tfisser rispettivament id-dħul temporanju, id-dħul mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja, l-importazzjoni u t-tranżitu; |
| (f) Id-“dħul temporanju” | jfisser l-istatus ta' żiemel reġistrat li joriġina minn pajjiż terz u ddaħħal fit-territorju tal-Unjoni għal perjodu ta' inqas minn 90 jum; |
| (g) L-“esportazzjoni temporanja” | tfisser il-moviment ta' żiemel reġistrat barra mill-Unjoni għal perjodu ta' inqas minn 90 jum; |
| (h) Id-“dħul mill-ġdid” | ifisser il-moviment ta' żiemel reġistrat minn pajjiż terz għal ġol-Unjoni wara esportazzjoni temporanja mill-Unjoni; |
| (i) L-“importazzjonijiet” | tfisser il-moviment ta' konsenja ta' ekwidi jew tas-semen, l-*ova* jew l-embrijuni tagħhom għal ġol-Unjoni għal perjodu mhux determinat; |
| (j) It-“tranżitu” | tfisser il-moviment ta' konsenja ta' ekwidi fit-territorju tal-Unjoni permezz tat-triq, tal-ferrovija jew f'mogħdija tal-ilma, minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor, jew minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz lejn parti oħra tat-territorju tal-istess pajjiż terz; |
| (k) Il-“post ta' spezzjoni fil-fruntiera” | tfisser kwalunkwe post ta' spezzjoni kif iddefinit fl-Artikolu 2(2)(f) tad-Direttiva 91/496/KEE u fl-Artikolu 2(2)(g) tad-Direttiva 97/78/KE u approvat għall-prodott ikkonċernat skont id-Deċiżjoni 2009/821/KE; |
| (l) Il-“kategorija tal-ekwidi” | tfisser rispettivament ekwidi reġistrati, ekwidi għall-qatla u ekwidi għat-tagħmmir u l-produzzjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/156/KE, u żwiemel reġistrati; |

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju f'*equidae* (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 55).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

▼B

| | |
|---|---|
| (m) L-“*ova*” | huma l-istadji aplojde tal-ootidoġenesi u jinkludu l-ooċiti sekondarji u l-*ova*; |
| (n) L-“operatur” | tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li hija soġġetta għal regola waħda jew aktar minn waħda previsti f'dan ir-Regolament, li jkollha fir-responsabbiltà tagħha xi ekwidi jew xi prodotti ġerminali tagħhom; |
| (o) L-“iżolament” | ifisser is-separazzjoni għal perjodu speċifikat ta' ekwidi minn annimali oħrajn biex tiġi evitata t-trażmissjoni ta' patoġenu jew patoġeni speċifikati permezz ta' kuntatt dirett jew indirett waqt li l-ekwidi jkunu taħt osservazzjoni u, fejn jixraq, jitwettqilhom l-ittestjar u t-trattament taħt is-superviżjoni tal-awtorità veterinarja; |
| (p) Il-“kwarantina” | hija l-iżolament ta' ekwidi f'bini li jiġi operat skont regoli speċifiċi tal-bijosigurtà taħt il-kontroll tal-awtorità veterinarja; |
| (q) Il-“kwarantina protetta mill-vetturi” | tfisser il-kwarantina ta' ekwidi li<br>(i) ssir f'post iddedikat li jkun:<br>— protett milli jidħlu fih il-vetturi rilevanti;<br>— inkluż f'sistema ta' sorveljanza tal-vetturi fil-post u f'sistema ta' miżuri li jillimitaw il-preżenza ta' vetturi rilevanti madwar il-post;<br>(ii) jista jinkludi l-eżerċitar tal-annimal li jkun fil-kwarantina taħt superviżjoni uffiċjali waqt il-ħin tal-ġurnata meta l-attività tal-vetturi tkun l-inqas u soġġett li jintużaw l-insettiċidi u sustanzi li jbiegħdu l-insetti, u meta possibbli jitgħatta ġisem l-annimali; |
| (r) Il-“kwarantina reżistenti għall-vetturi” | tfisser il-kwarantina ta' ekwidi f'binja ssiġillata li tkun:<br>— mgħammra b'ventilazzjoni bi pressjoni pożittiva u b'ventilaturi bil-filtri tal-arja;<br>— hija aċċessibbli biss permezz ta' sistema ta' dħul u ħruġ magħmula minn żewġ bibien wara xulxin ([1]);<br>— fejn titħaddem sistema ta' sorveljanza tal-vetturi;<br>— fejn jintużaw Proċeduri Operattivi Standard li jinkludu deskrizzjoni tas-sistemi ta' emerġenza u tal-allarm għat-tħaddim tal-kwarantina u għat-trasportazzjoni tal-ekwidi għall-post tat-tagħbija; |
| (s) It-“TRACES” | tfisser is-sistema kompjuterizzata veterinarja integrata prevista fid-Deċiżjonijiet 2003/24/KE u 2004/292/KE. |

([1]) https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/animals/docs/ad_control-measures_bt_guidance_vpe_7068_2012.pdf

▼B

*IT-TAQSIMA 2*

***Il-lista tal-pajjiżi terzi u l-partijiet tagħhom li minnhom jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni l-ekwidi u s-semen, l-ova u l-embrijuni tal-ekwidi***

*Artikolu 3*

**Il-lista tal-pajjiżi terzi u l-partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat li jiddaħħlu l-ekwidi fl-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ekwidi mill-pajjiżi terzi jew, meta l-Unjoni tapplika r-reġjonalizzazzjoni, mill-partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonni 2 u 4 tat-tabella fl-Anness I skont l-indikazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness, kif ġej:

(a) id-dħul temporanju taż-żwiemel reġistrati skont kif indikat fil-kolonna 6 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa individwali mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness II;

(b) it-tranżitu tal-ekwidi skont kif indikat fil-kolonna 15 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa individwali mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness II;

(c) id-dħul mill-ġdid taż-żwiemel reġistrati għat-tiġrijiet, għall-kompetizzjonijiet u għall-avvenimenti kulturali wara l-esportazzjoni temporanja skont kif indikat fil-kolonna 7 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjati miċ-ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell rilevanti taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A jew fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II;

(d) l-importazzjoni taż-żwiemel reġistrati skont kif indikat fil-kolonna 8 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa individwali mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 3 tal-Anness II;

(e) l-importazzjoni ta' konsenja ta' ekwidi għall-qatla skont kif indikat fil-kolonna 9 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima B tal-Parti 3 tal-Anness II;

(f) l-importazzjoni ta' ekwidi reġistrati u ta' ekwidi għat-tgħammir u għall-produzzjoni, skont kif indikat fil-kolonna 10 tat-tabella stabbilita fl-Anness I, u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa individwali mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 3 tal-Anness II.

2. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu għandha tapplika l-miżuri meħtieġa biex tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi jew il-limiti taż-żmien indikati għal dak il-pajjiż fil-kolonna 16 tat-tabella fl-Anness I.

▼B

*Artikolu 4*

**Il-pajjiżi terzi u l-partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' semen tal-ekwidi**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' semen ta' ekwidi mill-pajjiżi terzi jew, fejn l-Unjoni tapplika r-reġjonalizzazzjoni, minn partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonni 2 u 4 tat-tabella fl-Anness I, skont kif indikat fil-kolonni 11, 12, u 13 ta' dik it-tabella, u dejjem jekk il-konsenja tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konsenja tkun intbagħtet minn ċentru għall-ġbir u l-ħażna tas-semen elenkat skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) il-konsenja tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell rilevanti taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness III.

*Artikolu 5*

**Il-pajjiżi terzi u l-partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ova u ta' embrijuni tal-ekwidi**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' *ova* u embrijuni ta' ekwidi mill-pajjiżi terzi jew minn partijiet tat-territorji tal-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonni 2 u 4 tat-tabella fl-Anness I, skont kif indikat fil-kolonna 14 ta' dik it-tabella, u dejjem jekk il-konsenja tkun tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konsenja ntbagħtet minn tim tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-embrijuni elenkat skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE;

(b) il-konsenja tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell rilevanti taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness III.

*IT-TAQSIMA 3*

***Ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ekwidi u semen, ova u embrijuni tal-ekwidi***

*Artikolu 6*

**Iċ-ċertifikazzjoni**

1. Kif previst fl-Artikoli 3, 4 u 5, iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jitfasslu u jinħarġu skont:

(a) il-garanziji jew il-kundizzjonijiet supplimentari li japplikaw speċifikati fil-kolonna 16 tal-Anness I;

(b) in-noti ta' spjegazzjoni previsti fil-Parti 4 tal-Anness II u fil-Parti 3 tal-Anness III rispettivament.

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx jipprekludu l-użu taċ-ċertifikazzjoni elettronika jew sistemi oħrajn li jkun hemm qbil dwarhom kull fejn ikunu ġew stabbiliti proċeduri armonizzati fil-livell tal-Unjoni.

*Artikolu 7*

**Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tas-saħħa**

1. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi jew tas-semen, tal-*ova* jew tal-embrijuni tal-ekwidi li jkunu maħsuba biex jiddaħħlu fl-Unjoni għandu jiżgura li l-konsenja tintwera f'post tal-ispezzjoni fil-fruntiera approvat li jkun awtorizzat għall-konsenja kkonċernata, mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data li fiha tkun ġiet iċċertifikata fil-pajjiż terz minn fejn tkun intbagħtet.

2. Meta l-ekwidi jinġarru fuq il-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jittawwal biż-żmien tat-trasportazzjoni fuq il-baħar.

*IT-TAQSIMA 4*

***Rekwiżiti tat-trasport għad-dħul tal-ekwidi fl-Unjoni***

*Artikolu 8*

**Ir-rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa**

1. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi li tkun maħsuba għad-dħul fl-Unjoni għandu jiżgura li l-ekwidi jinġarru b'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ekwidi jiġu ttrasportati b'mezz tat-trasport li jkun qiegħed iġorr biss ekwidi maħsuba biex jidħlu fl-Unjoni jew inkella li jkollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa meħtieġ għat-tranżitu;

(b) l-ekwidi jiġu ttrasportati b'mezz tat-trasport li jkun qiegħed iġorr biss ekwidi tal-istess stat ta' saħħa ċċertifikat, ħlief meta jkun awtorizzat mod ieħor fir-rekwiżiti tas-saħħa speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet A u B tal-Parti 1 u fit-Taqsima A tal-Parti 3 tal-Anness II;

(c) l-ekwidi jiġu ttrasportati bit-triq jew bil-ferrovija jew jitmexxew bil-pass biss f'pajjiż terz jew f'parti minn pajjiż terz li jkun awtorizzat/tkun awtorizzata għal mill-inqas tip wieħed ta' dħul ta' mill-inqas kategorija waħda ta' ekwidi.

2. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi li tkun maħsuba għad-dħul fl-Unjoni għandu jiżgura l-konformità ma' dawn li ġejjin:

(a) il-kaxxi, il-kontejners jew l-istalel mobbli taż-żwiemel u l-mezz tat-trasport jew il-kompartiment fil-mezz tat-trasport li fihom jiġu ttrasportati l-ekwidi, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati qabel ma jitgħabbew l-annimali, b'diżinfettant li jkun awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż minn fejn jintbagħtu l-annimali;

(b) il-mezz tat-trasport li jintuża għat-trasportazzjoni bit-triq jew bil-ferrovija jkun imfassal, mibni u mħaddem b'mod li jevita li joħorġu minnu rawt, awrina u għalf waqt il-vjaġġ maħsub;

(c) għandhom jintużaw miżuri li jipproteġu lill-annimali minn attakki ta' insetti li jkunu vetturi tal-mard fil-każ li jkun hemm okkorrenza ta' xi waħda minn dawn il-mardiet li ġejjin:

▼B

(i) tal-marda Afrikana taż-żwiemel jew tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fil-pajjiż terz li minnu ntbagħtu jew għaddew b'tranżitu l-annimali;

(ii) ta' marda waħda jew iżjed mill-mard elenkat fl-Artikolu 11(1) li jiġi trażmess mill-vetturi, bl-eċċezzjoni tal-anemija infettiva ekwina jekk l-ekwidi ma jkunux immuni jew imlaqqmin kontra l-patoġenu.

Fil-każ tal-mardiet imsemmijin fil-punt (i), il-protezzjoni mill-vetturi għandha tinkludi miżuri bħall-użu ta' xbieki fuq il-kaxxi, il-kontejners, l-istalel jew l-istalel mobbli, l-użu tal-ventilazzjoni sfurzata u li l-kompartiment tat-trasportazzjoni jinżamm magħluq minbarra waqt it-tagħbija u l-iżbark jew waqt li jkun qed jittieħed ħsieb tal-annimali.

3. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi maħsubin biex jiddaħħlu fl-Unjoni għandu jiżgura li waqt il-vjaġġ dawk l-ekwidi jiżbarkaw biss f'pajjiż terz jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż terz li jkun awtorizzat għad-dħul tal-ekwidi fl-Unjoni, bi qbil mal-Anness I.

*Artikolu 9*

**Ir-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għat-trasport bl-ajru**

1. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi li tkun maħsuba għad-dħul fl-Unjoni permezz tal-ajru għandu jiżgura li:

(a) il-kaxxi, il-kontejners jew l-istalel mobbli u l-ispazju tal-arja fil-kompartiment tat-trasport jitbexxu b'repellent tal-insetti xieraq, u jintuża wkoll insettiċida malli jingħalqu l-bibien tal-ajruplan;

(b) il-kaptan tal-ajruplan jimla u jiffirma d-dikjarazzjoni stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness V.

2. B'deroga mill-paragrafu 3 tal-Artikolu 8, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba mill-operatur tal-konsenja, jawtorizzaw li jsir trasbord dirett minn inġenju tal-ajru għal ieħor f'pajjiż li mhuwiex elenkat fl-Anness I, dejjem jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) it-trasbord isir fl-istess ajruport fiż-żona tal-istess uffiċċju tad-dwana taħt is-sorveljanza diretta ta' veterinarju uffiċjali jew tal-uffiċjal tad-dwana responsabbli;

(b) waqt it-trasbord, l-ekwidi jkunu protetti mill-attakki ta' insetti vetturi ta' mard li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;

(c) l-ekwidi ma jiġux f'kuntatt ma' ekwidi bi status ta' saħħa differenti minn tagħhom;

(d) jiġu applikati l-miżuri previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għall-inġenju tal-ajru li jkun se jintuża biex jitkompla l-vjaġġ;

(e) fil-Manifest tat-Trasbord imfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness V, tiġi ċċertifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet li jinsabu fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-punti (a), (b) u (c) f'dan il-paragrafu, mill-veterinarju uffiċjali jew mill-uffiċjal tad-dwana responsabbli.

▼B

*Artikolu 10*

**Ir-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għat-trasport bil-baħar**

1. L-operatur responsabbli minn konsenja ta' ekwidi li tkun maħsuba għad-dħul fl-Unjoni minn fuq il-baħar għandu jiżgura l-konformità ma' dawn li ġejjin:

(a) il-bastiment ikun skedat biex imur direttament f'port fl-Unjoni, mingħajr ma jidħol f'port ieħor ta' xi pajjiż terz jew f'xi parti mit-territorju ta' pajjiż terz li ma jkunx elenkat fl-Anness I;

(b) il-kaxxi, il-kontejners jew l-istalel u l-ispazju tal-arja fil-kompartiment tat-trasport jitbexxu b'repellent tal-insetti xieraq, u jintuża wkoll insettiċida malli jingħalqu l-bibien tal-kompartiment;

(c) il-kaptan tal-bastiment jimla u jiffirma d-dikjarazzjoni stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness V.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li jsir trasbord dirett minn bastiment għal ieħor f'pajjiż li mhuwiex elenkat fl-Anness I, dejjem jekk:

(a) it-trasbord isir fl-istess port fiż-żona tal-istess uffiċċju tad-dwana taħt is-sorveljanza diretta ta' veterinarju uffiċjali jew tal-uffiċjal tad-dwana responsabbli;

(b) waqt it-trasbord, l-ekwidi jkunu protetti mill-attakki ta' insetti vetturi ta' mard li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;

(c) l-ekwidi ma jiġux f'kuntatt ma' ekwidi bi status ta' saħħa differenti minn tagħhom;

(d) fil-Manifest tat-Trasbord imfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness V, tiġi ċċertifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet li jinsabu fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u fil-punti (a), (b) u (c) ta'dan il-paragrafu, mill-veterinarju uffiċjali jew mill-uffiċjal tad-dwana responsabbli.

*IT-TAQSIMA 5*

***Ir-rekwiżiti ġenerali għall-ittestjar u għat-tilqim tal-ekwidi li jkunu maħsubin biex jiddaħħlu fl-Unjoni u ta' ekwidi donaturi li s-semen, l-ova jew l-embrijuni tagħhom ikunu maħsubin għad-dħul fl-Unjoni***

*Artikolu 11*

**Ir-rekwiżiti ġenerali għall-ittestjar fil-laboratorju għaċ-ċertifikazzjoni ta' konsenji ta' ekwidi jew tas-semen, l-ova, jew l-embrijuni tagħhom maħsubin biex jiddaħħlu fl-Unjoni**

1. L-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu għad-dħul fl-Unjoni l-ekwidi jew is-semen, l-ova jew l-embrijuni tagħhom għandhom jiżguraw li t-testijiet fil-laboratorji previsti fiċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti fl-Annessi II u III għall-glanders, għad-durina, għall-anemija infettiva ekwina, għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, għall-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, għall-enċefalite Ġappuniża, għad-Deni tal-Punent tan-Nil, għall-istomatite vexxikulari, għall-arterite virali ekwina, u għall-metrite ekwina kuntaġġuża mill-inqas jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sensittività u

▼B

ta' speċifiċità stipulati għall-marda kkonċernata fil-Kapitolu rispettiv tat-Taqsima 2.5 tal-aħħar edizzjoni tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE).

2. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu l-ekwidi maħsubin għad-dħul fl-Unjoni għandha tiżgura li t-testijiet fil-laboratorji għall-marda Afrikana taż-żwiemel li huma previsti fiċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti fl-Anness II jitwettqu bi qbil mal-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE.

3. L-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu għad-dħul fl-Unjoni l-ekwidi jew is-semen, l-*ova* jew l-embrijuni tal-ekwidi, għandha tiżgura l-konformità ma' dan li ġej:

(a) it-testijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 jitwettqu f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu;

(b) fiċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fl-Anness II jew III għall-konsenja kkonċernata, huma mitluba d-dettalji dwar il-kampjunar u dwar ir-riżultati tat-testijiet, ibbażati fuq ir-rapport tal-laboratorju li jkunu disponibli għall-veterinarju uffiċjali li jkun qed jimla ċ-ċertifikat.

*Artikolu 12*

**L-ittestjar mal-wasla fl-Unjoni**

1. Meta test li jkun twettaq fl-Istat Membru tad-dħul jew f'ismu, fuq kampjun li jkun ittieħed skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 97/794/KE, ma jikkonfermax ir-riżultat ta' test magħmul fil-laboratorju attestat f'ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-ekwidi jew is-semen, l-ova jew l-embrijuni tal-ekwidi li jaslu fl-Unjoni, kif stipulat fl-Anness II jew III ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tad-dħul għandha tiżgura li t-test jittenna fil-laboratorju ta' referenza nazzjonali maħtur għall-marda kkonċernata, bi qbil mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Meta l-miżuri previsti fil-paragrafu 1 ma jagħtux riżultat konklużiv dwar il-verifiki tal-konformità li jkunu twettqu skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 97/794/KE, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura li l-kampjun imsemmi f'dak il-paragrafu jiġi ssoġġettat għal testijiet definittivi kif ġej:

(a) għall-marda Afrikana taż-żwiemel, fil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Marda Afrikana taż-Żwiemel, maħtur skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE ([2]);

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabilixxi r-regoli ta' kontroll u miżuri biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 157, 10.6.1992, p. 19).

▼B

(b) għall-mard imsemmi fl-Artikolu 11(1), fil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-mard ekwin minbarra l-marda Afrikana taż-żwiemel, maħtur skont ir-Regolament (KE) Nru 180/2008.

*Artikolu 13*

**L-applikazzjoni tal-vaċċini u r-reġistrazzjoni tat-tilqim**

1. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu l-ekwidi jew is-semen, l-*ova* jew l-embrijuni tal-ekwidi li jkunu maħsubin għad-dħul fl-Unjoni għandha tiżgura li t-tlaqqim attestat fi kwalunkwe wieħed miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Annessi II jew III jitwettaq skont dan li ġej:

(a) it-tlaqqim jitwettaq bi qbil mal-istruzzjonijiet tal-manifatturi jew mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, skont liema jkunu l-aktar stretti;

(b) it-tlaqqim jitwettaq bl-użu ta' vaċċin liċenzjat li mill-inqas jissodisfa r-rekwiżiti għas-sikurezza, l-isterilità u l-effikaċja stabbiliti għall-vaċċin ikkonċernat fil-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE).

2. Meta l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tafferma li sejba pożittiva minn laboratorju f'test seroloġiku għall-marda Afrikana taż-żwiemel tkun marbuta ma' tilqima li tkun saret qabel, it-tilqima għandha tiġi ddokumentata, fid-dokument ta' identifikazzjoni li jkun mal-annimal, jekk dan id-dokument ikun disponibbli.

*Artikolu 14*

**Ir-rekwiżiti b'rabta mal-arterite virali ekwina**

1. L-ekwidi maskili mhux ikkastrati li jkunu maħsubin għad-dħul fl-Unjoni, minbarra dawk elenkati fil-punt 1 tal-Anness IV, għandhom jiġu ssoġġettati għat-testijiet għall-arterite virali ekwina biex jiġi aċċertat li s-semen tagħhom ikun ħieles mill-arterite virali ekwina.

2. It-tlaqqim kontra l-arterite virali ekwina, inkluż it-testijiet meħtieġa skont il-punt 1(a) tal-Anness IV, għandu jsir taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali.

3. It-tilqim kontra l-arterite virali ekwina jkun validu meta jkun hemm prova ddokumentata li tintbagħat mal-annimal ekwin li dan ikun ġarrab kors ta' tlaqqim primarju li ma jkunx ġie interrott u li jkun twettaq skont wieħed mill-protokolli tat-tlaqqim previsti fil-punt 1(a) tal-Anness IV, u tlaqqim mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, u f'kwalunkwe każ b'intervalli bejniethom ta' mhux iżjed minn 12-il xahar.

*IT-TAQSIMA 6*

***L-identifikazzjoni ta' ekwidi li jkunu maħsubin għad-dħul fl-Unjoni***

*Artikolu 15*

**L-identifikazzjoni ta' ekwidi li jkunu maħsubin għad-dħul fl-Unjoni**

1. L-ekwidi li jkunu ddestinati għad-dħul fl-Unjoni għandhom ikunu identifikati b'mod individwali biex tkun żgurata korrispondenza mingħajr ekwivoku bejn l-annimal u l-istatus tas-saħħa tiegħu.

▼B

Dik l-identifikazzjoni għandha:

(a) jew tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262; inkella

(b) mill-inqas tipprovdi l-informazzjoni ddettaljata fil-punti 1, 2, 3, u 6 sa 10 tal-Parti A u fil-punti 12 sa 18 tal-Parti B tal-Ewwel Taqsima tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

2. L-ekwidi għall-qatla li jkunu se jiġu impurtati fl-Unjoni għandhom ikunu mmarkati individwalment bi transponder elettroniku jew b'ċomba tal-widna li n-numru tagħha għandu jkun irreġistrat fiċ-ċertifikat tas-saħħa li jkun mal-annimali waqt it-trasportazzjoni.

3. Fuq il-qawqab xellugi ta' quddiem, l-ekwidi għall-qatla li jkunu se jiġu impurtati fl-Unjoni għandu jkollhom "S" ċara u li ma titħassarx li tkun saret b'timbru li jaħraq u li fid-daqs ma tkunx iżgħar minn nofs it-tul tal-qawqab, fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk, b'deroga mill-paragrafu 2, ikunu mmarkati individwalment b'metodu differenti li jkun indikat fiċ-ċertifikat tas-saħħa, u f'dan il-każ l-annimali jridu jintbagħtu fil-biċċerija tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 21(a);

(b) jekk ikunu ddestinati biex jintbagħtu fil-biċċerija tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 21(b).

*IT-TAQSIMA 7*

***Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa u taċ-ċertifikazzjoni tal-annimali għad-dħul ta' konsenji ta' ekwidi fl-Unjoni***

*Artikolu 16*

**Il-miżuri li jridu jieħdu l-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw it-traċċabbiltà ta' żiemel reġistrat li jiddaħħal b'mod temporanju**

1. Sakemm tkun ġiet stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet tad-dħul, l-awtorità kompetenti fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera għandha:

(a) iżżomm kopja taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a);

(b) permezz tat-TRACES tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti jew lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ, skont liema minn dawn ikun rilevanti, bid-dħul ta' żiemel reġistrat li jkun qed jiddaħħal b'mod temporanju, kif ġej:

(i) lill-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni indikat fil-Kaxxa I.6 tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul ("CVED") stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 282/2004;

(ii) lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ li jkun indikat fid-dikjarazzjoni li tkun maċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) minn sid iż-żiemel reġistrat jew minn rappreżentant tiegħu, billi timla l-Kaxxa I.24. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul;

▼B

(iii) lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-postijiet tar-residenza temporanja indikati fid-dikjarazzjoni li tkun maċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) minn sid iż-żiemel reġistrat jew minn rappreżentant tiegħu;

(c) tagħti mill-inqas kopja waħda tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul lill-operatur li jkun identifikat bħala l-"Operatur responsabbli mill-Konsenja" fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-paragrafu 1(b).

2. Meta żiemel reġistrat ikun se jintbagħat minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor waqt id-dħul temporanju, l-awtorità kompetenti talpost minn fejn jintbagħat għandha:

(a) dejjem jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2009/156/KE, toħroġ ċertifikat tas-saħħa bi qbil mal-Anness III tad-Direttiva 2009/156/KE, jew għal żiemel reġistrat individwali jew għal konsenja ta' żwiemel reġistrati tal-istess oriġini u bl-istess destinazzjoni, u fil-Kaxxa I.6. ta' dak iċ-ċertifikat iddaħħal referenza għaċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) ta' kull żiemel reġistrat fil-konsenja li jkun iddaħħal temporanjament, u referenza għad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-paragrafu 1(b);

(b) permezz tat-TRACES tinforma lill-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni dwar il-moviment ta' żiemel reġistrat lejn dak l-Istat Membru, u titlob verifika tal-wasla billi timla parti oħra tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul, il-Parti III msemmija fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b);

(c) tagħti kopja stampata ġdida tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b) li jkun fiha l-Parti III miżjuda bi qbil mal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, lill-operatur li jkun identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul;

(d) tħassar jew tirtira kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li tkun ingħatat lill-operatur bi qbil mal-paragrafu 1(c), jew jekk iż-żiemel ikun diġà nġarr qabel fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-punt (c) ta' dan il-paragrafu.

3. L-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni msemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b) u tal-paragrafu 2(b) permezz tat-TRACES għandha tikkonferma l-wasla taż-żiemel reġistrat u tirreġistra l-verifiki li jkunu saru billi timla l-Parti III tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul.

4. Fi tmiem id-dħul temporanju, l-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (i) jew (iii) tal-paragrafu 1(b) li tiċċertifika ż-żiemel reġistrat li jkun iddaħħal temporanjament lill-pajjiż terz tal-oriġini jew lil pajjiż terz ieħor, għandha:

(a) permezz tat-TRACES tinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera talħruġ bil-tluq mill-Unjoni taż-żiemel reġistrat li jkun iddaħħal temporanjament, billi timla l-Parti III miżjuda tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b);

(b) tagħti kopja stampata ġdida tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b) li jkun fiha l-Parti III miżjuda bi qbil mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, lill-operatur li jkun identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul;

▼B

(c) jekk il-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ ikun jinsab fi Stat Membru ieħor,

(i) bi qbil mad-Deċiżjoni 93/444/KEE toħroġ ċertifikat skont l-Anness III tad-Direttiva 2009/156/KE, jew għal żiemel reġistrat wieħed inkella għal konsenja ta' żwiemel reġistrati li jkunu ġew mill-istess post u jkollhom l-istess destinazzjoni;

(ii) fil-Kaxxa I.6. taċ-ċertifikat imsemmi fil-punt (i), iddaħħal referenza għaċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) ta' kull żiemel reġistrat fil-konsenja li ddaħħal temporanjament, u referenza għad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b).

5. Il-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 4 għandu jirreġistra t-tmiem tad-dħul temporanju taż-żiemel reġistrat billi jimla l-Parti III tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul.

6. Jekk id-dħul temporanju ta' żiemel reġistrat ma jintemmx, bi qbil mal-paragrafu 5, f'perjodu ta' inqas minn 90 jum wara d-data li fiha jkun inħareġ id-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1(b), tintbagħat twissija awtomatika permezz tat-TRACES lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul u lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'dan l-Artikolu, sakemm dawk l-awtoritajiet kompetenti jsiru jafu l-istatus taż-żiemel reġistrat.

*Artikolu 17*

**Ir-responsabbiltajiet tal-operatur għaż-żwiemel reġistrati li jiddaħħlu temporanjament**

1. L-operatur responsabbli minn żiemel reġistrat li jiddaħħal temporanjament fl-Unjoni li jkun identifikat fil-Kaxxa I.7 tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b) għandu jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) f'kull ħin matul id-dħul temporanju tiegħu, żiemel reġistrat għandu jkollu miegħu iċ-ċertifikat tas-saħħa oriġinali tiegħu msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) u d-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun inħareġ mill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni;

(b) iż-żiemel reġistrat għandu jibqa' fl-Istat Membru rispettiv u fil-bini msemmi fid-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a);

(c) meta ż-żiemel reġistrat ikun se jinġarr fi Stat Membru ieħor, għandu jkollu miegħu ċertifikat tas-saħħa bi qbil mal-Anness III tad-Direttiva 2009/156/KE u d-dokument veterinarju komuni għad-dħul immodifikat li jkun ingħata mill-awtorità kompetenti bi qbil mal-Artikolu 16(2);

(d) kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul ta' qabel trid tingħata lill-awtorità kompetenti biex titħassar jew tiġi rtirata;

(e) iż-żiemel reġistrat għandu joħroġ mill-Unjoni minn post ta' spezzjoni fil-fruntiera indikat fiċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) mhux aktar tard minn 89 jum wara d-data tad-dħul fl-Unjoni indikata fid-dokument veterinarju komuni għad-dħul korrispondenti.

▼B

2. L-operatur imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibqa' hu responsabbli mill-moviment taż-żiemel reġistrat matul id-dħul temporanju fl-Unjoni, u b'mod partikolari għandu jinforma:

(a) lill-awtorità kompetenti msemmija fil-punti (i) u (iii) tal-Artikolu 16(1)(b) dwar kull bidla li tkun se ssir fil-movimenti mniżżlin fid-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a);

(b) lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ dwar id-data ta' meta se jinħareġ mill-Unjoni ż-żiemel reġistrat li jkun iddaħħal b'mod temporanju;

(c) lill-awtorità kompetenti msemmija fil-punti (i) u (iii) tal-Artikolu 16(1)(b) responsabbli mill-impriża, jekk iż-żiemel reġistrat imut jew jintilef jew ikun hemm xi emerġenza, bħal kundizzjoni tas-saħħa li tkun teħtieġ il-kura medika veterinarja li ddum iktar mid-89 jum tad-dħul temporanju.

*Artikolu 18*

**Id-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati li jkunu ddaħħlu fl-Unjoni b'mod temporanju**

1. Iż-żwiemel reġistrati li jiddaħħlu temporanjament fl-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati għad-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja f'pajjiż terz jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż terz li jkun awtorizzat għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati biex dawn jieħdu sehem f'tiġrijiet, f'kompetizzjonijiet jew f'avvenimenti kulturali speċifiċi li għalihom huma stabbiliti l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi qbil mal-Artikolu 20(3), dejjem jekk id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni jsir f'perjodu li hu iqsar minn 90 jum wara li jinħareġ id-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b).

2. Biex tippermetti d-dħul mill-ġdid ta' żiemel reġistrat imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti msemmija fil-punti (i) u (iii) tal-Artikolu 16(1)(b) li toħroġ iċ-ċertifikat għall-esportazzjoni temporanja għandha:

(a) tapplika l-miżuri previsti fil-punti (a), (b), u fejn japplika (c), tal-Artikolu 16(4);

(b) permezz tat-TRACES tinforma l-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul mill-ġdid ippjanat billi timla l-Parti III tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul;

(c) tagħti kopja stampata ġdida tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b) li jkun fiha l-Parti III miżjuda bi qbil mal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, lill-operatur li jkun identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul;

(d) tħassar jew tirtira kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun ingħata bi qbil mal-Artikolu 16(1)(c), jew jekk iż-żiemel qabel ikun inġarr fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-Artikolu 16(2)(c).

3. Il-post tal-ispezzjoni tal-fruntiera tad-dħul mill-ġdid għandu:

(a) iżomm l-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(c);

▼B

(b) permezz tat-TRACES javża li ddaħħal mill-ġdid iż-żiemel reġistrat:

(i) lill-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni li takkumpanja ċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 16(1)(a), jew skont il-modifika li tkun saret bi qbil mal-Artikolu 17(2)(a),

(ii) lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ indikat fid-dikjarazzjoni li takkumpanja ċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 16(1)(a), jew skont il-modifika li tkun saret bi qbil mal-Artikolu 17(2)(a), billi jimla l-Kaxxa I.24. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (d).

(c) jitlob lill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni tivverifika, u fejn hemm bżonn, tikkonferma l-wasla taż-żiemel reġistrat billi timla l-Kaxxa I.6 tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (d).

(d) jagħti kopja stampata lill-operatur ta' dokument veterinarju komuni għad-dħul ġdid, li fih ikun mela l-Kaxxa II.1 b'referenza għan-numru tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun ingħata qabel, bi qbil mal-Artikolu 16(1)(c), jew, jekk iż-żiemel ikun inġarr qabel fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-Artikolu 16(2)(c), u li fih, il-Kaxxa II.14. tkun imtliet qabel id-data ta' limitu sa meta ż-żiemel irid jinħareġ mill-Unjoni, indikata fid-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b);

(e) iħassar jew jirtira kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun ingħata lill-operatur bi qbil mal-Artikolu 16(1)(c), jew jekk iż-żiemel qabel ikun inġarr fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-Artikolu 16(2)(c).

4. Wara d-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żiemel reġistrat li jkun iddaħħal temporanjament skont il-paragrafu 1, ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 16 japplikaw għall-perjodu ta' inqas minn 90 jum li jkun fadal wara d-data tal-ħruġ tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b).

*Artikolu 19*

**Il-bidla ta' dħul temporanju fi dħul permanenti u l-mewt jew it-telfa ta' żiemel reġistrat**

1. Meta l-operatur, identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b), jippreżenta applikazzjoni biex ibiddel id-dħul temporanju ta' żiemel reġistrat għal dħul permanenti, lill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (i) jew (iii) tal-Artikolu 16(1)(b) jew fl-Artikolu 16(2)(b), Stat Membru jista' jawtorizza dik il-bidla dejjem jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) bi qbil mal-Anness I, l-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati tkun awtorizzata mill-pajjiż terz jew minn parti mit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat;

(b) l-awtorità kompetenti responsabbli mill-post ta' residenza temporanja jkun ikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) dik l-awtorità kompetenti tkun wettqet b'riżultati sodisfaċenti l-verifiki meħtieġa tal-konformità mar-rekwiżiti tat-testijiet u t-tilqim għall-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati mill-pajjiż terz jew minn parti mit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat, li huma stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness II;

▼B

(ii) dik l-awtorità kompetenti tkun żgurat li ż-żiemel reġistrat baqa' taħt is-sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali f'dak l-Istat Membru sakemm ikunu għaddew tliet xhur mid-data tad-dħul tiegħu fl-Unjoni, indikata fid-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b).

2. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, jew post ta' spezzjoni fil-fruntiera li jkun inħatar biex jaqdi dan il-kompitu mill-Istat Membru għandha:

(a) ittemm id-dħul temporanju fi TRACES billi tagħżel "Bidla għal dħul permanenti" fil-Parti III tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun li jingħata lill-operatur, skont l-Artikolu 16(1)(c), inkella, jekk diġà kien hemm moviment għal Stat Membru ieħor qabel, skont l-Artikolu 16(2)(c), jew, jekk kien hemm dħul mill-ġdid qabel, wara esportazzjoni temporanja, skont l-Artikolu 18(3)(c);

(b) lill-operatur identifikat fil-Kaxxa I.7 tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b), tagħtih kopja stampata ġdida tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (a), jew dokument veterinarju komuni għad-dħul ġdid, li fih ikun immarkat "Għas-suq intern" fil-Kaxxa I.21;

(c) tħassar jew tirtira kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun ingħata lill-operatur bi qbil mal-Artikolu 16(1)(c), jew jekk iż-żiemel ikun inġarr qabel fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-Artikolu 16(2)(c), jew jekk diġà kien hemm dħul mill-ġdid preċedenti wara esportazzjoni temporanja, bi qbil mal-Artikolu 18(3)(c);

(d) iħassru jew jirtiraw l-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(a).

3. Waqt il-perjodu tal-bidla, l-operatur taż-żiemel reġistrat imsemmi fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul maħruġ skont il-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b) jew skont l-Artikolu 18(3)(b) għandu jieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) jirranġa li jsiru u jiġu ddokumentati visti regolari minn veterinarju, li jittestja ż-żiemel reġistrat għas-sinjali kliniċi tal-mard infettiv possibbli;

(b) iżomm ir-rekords tal-movimenti taż-żiemel reġistrat u tal-movimenti tal-ekwidi 'l ġewwa lejn l-impriża fejn qed jinżamm iż-żiemel, jew 'il barra minnha;

(c) ilesti l-proċeduri tad-dwana kollha li hemm imsemmijin fl-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262;

(d) jagħmel applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument tal-identifikazzjoni jew biex jiġi addattat dokument tal-identifikazzjoni eżistenti, bi qbil mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262.

4. Fil-każ li jmut jew jintilef żiemel reġistrat li jkun iddaħħal temporanjament fl-Unjoni, jekk ikun meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tal-post fejn ikun miet jew intilef iż-żiemel, b'kollaborazzjoni fil-qrib ma' post ta' spezzjoni fil-fruntiera, għandha:

(a) ittemm id-dħul temporanju fit-TRACES billi timmarka "Mewt/Telf" fil-Parti III tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 16(1)(b) jew fl-Artikolu 18(3)(b);

▼B

(b) tħassar jew tirtira kull kopja stampata tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun ingħata lill-operatur bi qbil mal-Artikolu 16(1)(c), jew jekk iż-żiemel ikun inġarr qabel fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-Artikolu 16(2)(c), inkella, jekk ikun sar dħul mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja, bi qbil mal-Artikolu 18(3)(c).

*Artikolu 20*

**Kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati wara esportazzjoni temporanja biex jieħdu sehem f'tiġrijiet, f'kompetizzjonijiet u f'avvenimenti kulturali**

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żiemel reġistrat ma damx aktar minn 30 jum barra l-Unjoni, sakemm ma jkunx previst speċifikament fil-paragrafu 3;

(b) iż-żiemel reġistrat la kien residenti u lanqas għadda fuq l-art ta' ebda pajjiż terz jew ta' parti mit-territorju ta' pajjiż terz li mhuwiex assenjat fl-istess grupp sanitarju bħall-pajjiż terz jew bħall-parti mit-territorju tal-pajjiż terz fejn ġie ffirmat mill-veterinarju uffiċjali ċ-ċertifikat tas-saħħa bi qbil mat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II;

(c) iċ-ċertifikat tas-saħħa għall-esportazzjoni temporanja ffirmat mill-veterinarju uffiċjali fl-Istat Membru tal-oriġini, jew kopja awtorizzata tiegħu, jiġu ppreżentati jekk jintalbu mill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni.

2. L-awtorità kompetenti li tiċċertifika żiemel reġistrat għall-esportazzjoni temporanja f'pajjiż terz għandha tiżgura li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 93/444/KEE, sal-punt tal-ħruġ fi Stat Membru ieħor, iż-żiemel reġistrat ikollu miegħu ċertifikat tas-saħħa bi qbil mal-Anness III tad-Direttiva 2009/156/KE.

3. Id-dħul mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja li ddum iktar minn 30 jum ta' żwiemel reġistrati li jieħdu sehem f'tiġrijiet, f'kompetizzjonijiet jew f'avvenimenti kulturali speċifiċi huwa soġġett għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jinsabu fil-mudell korrispondenti taċ-ċertifikati tas-saħħa previsti fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II għall-avveniment rilevanti.

4. L-operatur identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul li jkun responsabbli mill-konsenja għandu jiżgura li matul l-esportazzjoni temporanja ż-żiemel reġistrat la kien residenti u lanqas għadda fuq l-art ta' ebda pajjiż terz jew ta' parti mit-territorju ta' pajjiż terz li mhuwiex assenjat fl-istess grupp sanitarju bħall-pajjiż terz jew bħall-parti mit-territorju tal-pajjiż terz fejn ġie ffirmat mill-veterinarju uffiċjali ċ-ċertifikat tas-saħħa bi qbil mat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II.

*Artikolu 21*

**Kundizzjonijiet tas-saħħa speċifiċi għall-importazzjonijiet ta' ekwidi maħsubin għall-qatla**

L-operatur ta' konsenja ta' ekwidi għall-qatla, identifikat fil-Kaxxa I.7. tad-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fl-Artikolu 16(1)(b), għandu jiżgura li wara li jitwettqu l-verifiki fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni, l-annimali:

▼B

(a) jew jitwasslu direttament, mingħajr dewmien u mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi bi status ta' saħħa differenti, fil-biċċerija tad-destinazzjoni, fejn għandhom jinqatlu fl-ewwel 72 siegħa wara l-wasla tagħhom fil-biċċerija, jew

(b) jgħaddu minn suq jew ċentru tar-raggruppar approvat wieħed imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE indikat fiċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 3(1)(e) ta' dan ir-Regolament, minn hemm iridu jittieħdu direttament, skont ir-regoli nazzjonali li jiżguraw it-traċċabbiltà, fil-biċċerija biex jinqatlu kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu daħlu fl-Unjoni, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi bi status ta' saħħa differenti minn tagħhom.

*IT-TAQSIMA 8*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali***

*Artikolu 22*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ekwidi u tas-semen, l-*ova* u l-embrijuni ta' ekwidi akkumpanjati miċ-ċertifikati tas-saħħa mfasslin skont il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa li japplikaw qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament speċifikata fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 24.

*Artikolu 23*

**Tħassir**

Tħassru d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE, 94/699/KE, 95/329/KE, 2003/13/KE, 2004/177/KE, 2004/211/KE, 2010/57/UE u 2010/471/UE.

Kull referenza għal dawk id-Deċiżjonijiet għandha tinftiehem bħala referenza għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 24*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà**

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu l-annimali se jidħlu fit-territorju tal-Unjoni u se jkunu ssoġġettati għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jinġabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M1

**Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għad-dħul ta' annimal ekwin fl-Unjoni**

Identifikazzjoni tal-annimal ([1])

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru tal-identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|
| ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |

Jien, sid ([2]) iż-żiemel reġistrat jew ir-rappreżentant ([2]) ta' sid iż-żiemel, li qed niffirma hawn taħt, b'dan niddikjara li:

— l-annimal

([2]) *jew* [kien ilu fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat, jew minn twelidu, jekk l-annimal għandu inqas minn 90 jum;]

([2]) *inkella* [daħal fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat tul il-perjodu ta' residenza meħtieġ ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data tat-tluq minn Stat Membru tal-Unjoni;]

— għall-15-il jum ta' qabel id-data tat-tluq, l-annimal ma ġiex f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;

— huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn i

— huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar it-trasportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;

— it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri tal-annimal jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;

L-isem u l-indirizz ta' sid ([2]) l-annimal jew tar-rappreżentant ([2]) tiegħu: .....

Data: ..... (*jj/xx/ssss*)

([1]) *Speċijiet*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus, Equus asinus, Equus africanus, Equus hemionus, Equus kiang, Equus quagga, Equus zebra, Equus grevyi*, jew indika xi taħlita bejniethom.

*Is-sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi kkollegat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

*Età*: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

*Sess* (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

([2]) Ħassar fejn ma japplikax.

▼M1

*It-taqsima B*

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa u mudell tad-dikjarazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' konsenja ta' ekwidi domestiċi għall-qatla

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1 Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-telefown | | I.2 Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | | I.6. | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi |
| I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br><br>Isem Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | | I.12. Post tad-destinazzjoni<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezzi ta' Trasport<br><br>Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE | |
| | | I.17. Nru/Nri tas-CITES | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-annimali | | I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)<br>**01 01** | |
| | | | I.20. Kwantità |
| I.21. | | | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | | | I.24. |
| I.25. L-annimali huma ċċertifikati għal:<br><br>Qatla ☐ | | | |
| I.26. | | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ | |

I.28. Identifikazzjoni tal-annimali

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru tal-identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

**II. Attestat tas-saħħa tal-annimali, tat-trattament xieraq tal-annimali u tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28.:

— huma ekwidi għall-qatla kif iddefinit fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2009/156/KE;

— ġew eżaminati llum ([1]) u nstab li huma ħielsa minn kull sinjal kliniku ta' mard u minn kull sinjal evidenti ta' infestazzjoni bl-ektoparassiti;

— mhumiex maħsubin biex jinqatlu skont programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew ta' mard kuntaġġuż;

— jissodisfaw il-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.1. sa II.5. ta' dan iċ-ċertifikat;

— għandhom magħhom id-dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn sid l-annimali jew mir-rappreżentant tiegħu.

II.1. *Attestat dwar il-pajjiż terz jew parti mit-territorju tal-pajjiż terz u dwar l-impriża minn fejn intbagħtu*

II.1.1. L-annimali ntbagħtu minn ..... (*daħħal isem il-pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż*), pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandu l-Kodiċi: ..... ([2]) u ġie assenjat fil-Grupp Sanitarju ..... ([2]);

II.1.2. fil-pajjiż minn fejn intbagħtu, il-mard elenkat hawn taħt huwa notifikabbli bil-liġi: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomijelite ekwina (it-tipi kollha, inkluża l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vexxikulari, ir-rabja, l-antraċe;

II.1.3. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż

a) li huwa/hija meqjus(a) bħala ħieles/ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mad-Direttiva 2009/156/KE u fejn ma kienx hemm evidenza klinika, seroloġika (fl-ekwidi mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel fis-sentejn ta' qabel id-data meta ntbagħtu, u fejn ma sarx tilqim kontra din il-marda fit-12-il xahar qabel id-data tat-tluq tagħhom;

b) fejn ma kienx hemm każi ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq tagħhom;

c) fejn ma kienx hemm każi ta' durina fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tagħhom;

d) fejn ma kienx hemm każi ta' glanders fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tagħhom;

([3]) *jew* [e) fejn ma kienx hemm każi ta' stomatite vexxikulari fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tagħhom;]

([3]) *inkella* [e) fejn kien hemm każi ta' stomatite vexxikulari waqt il-perjodu ta' 6 xhur qabel id-data meta ntbagħat, iżda kampjun tad-demm li ttieħed minn kull wieħed mill-annimali nhar il-..... (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, ġie ttestjat għall-antikorpi għall-virus tal-istomatite vexxikulari u rritorna riżultat negattiv

([3]) *jew* [f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 f'kull 32;]]

([3]) *inkella* [f'ELISA skont il-Kapitlu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;]]

II.1.4. l-annimal ma ħariġx minn azjenda li kienet soġġetta għal xi ordni ta' projbizzjoni, u sa fejn naf jien, fiż-żminijiet imsemmijin fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7., ma kien f'kuntatt ma' ebda annimal minn azjenda li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni għar-raġunijiet imsemmija fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. u li jdumu sa:

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

([4]) [II.1.4.1. fil-każ ta' ekwidi li jkun hemm suspett dwarhom li huma morda bid-durina,

([3]) *jew* [6 xhur li jibdew mid-data tal-aħħar kuntatt reali jew possibbli ma' annimal li hemm suspett dwaru li ħa d-durina jew kien infettat bit-*Trypanosoma equiperdum*;]

([3]) *u/jew* [fil-każ ta' żiemel tal-għalla, sakemm l-annimal jiġi kkastrat;]

([3]) *u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

([4]) [II.1.4.2. fil-każ tal-glanders,

([3]) *jew* 6 xhur mill-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda jew li kienu ssoġġettati għal eżami għas-sejbien tal-patoġenu kawżanti *Burkholderia mallei* u ħareġ riżultat pożittiv jew instabulhom l-antikorpi għal dak il-patoġenu, u nqerdu l-katavri tagħhom;]

([3]) *u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

II.1.4.3. fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina ta' kwalunkwe tip,

([3]) *jew* [6 xhur li bdew mill-jum meta nqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda;]

([3]) *u/jew* [6 xhur mill-jum meta jkunu mietu jew inħarġu mill-azjenda, jew irkupraw kompletament, l-ekwidi infettati bil-virusis li jikkawżaw id-deni tal-Punent tan-Nil, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent;]

([3]) *u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.4. fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, sad-data li fiha, wara li nqatlu l-annimali infettati, l-annimali ekwini li kien fadal fl-impriża wrew reazzjoni negattiva għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 3 xhur bejn it-teħid;

II.1.4.5. fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

([3]) *jew* [6 xhur wara l-aħħar każ;]

([3]) *u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.6. fil-każ tar-rabja, 30 jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.4.7. fil-każ tal-antraċe, 15-il jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.5. sa fejn naf jien, matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimali, dawn ma kinux f'kuntatt ma' ekwidi li kienu infettati, jew li kien hemm xi suspett li kienu infettati, b'xi marda infettiva jew kuntaġġuża.

II.2. *Attestat tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

II.2.1. Fid-90 jum ta' qabel id-data tat-tluq, jew sa minn twelidhom, jekk għandhom inqas minn 90 jum, l-annimali kienu residenti fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu, f'impriżi li kienu taħt sorveljanza veterinarja, u ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiz li hu:

([3]) *jew* [assenjat fil-Grupp Sanitarju A, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżammu separati minn ekwidi bi status tas-saħħa li ma kienx ekwivalenti għal tagħhom;]

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

(3) *inkella* [assenjat fil-Gruppi Sanitarji B, C, jew D, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżammu fl-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni taħt sorveljanza veterinarja mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi bi status tas-saħħa li ma kienx ekwivalenti għal tagħhom;]

(3) *inkella* [assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u f'talanqas 40 jum qabel id-data tat-tluq inżammu fiċ-ċentru ta' iżolament approvat deskritt fil-Kaxxa I.11., protetti mill-insetti vetturi.]

II.3. *Attestat tal-vaċċini u tat-testijiet tas-saħħa*

(3) *jew* [II.3.1. L-annimali ma tlaqqmux kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel fil-pajjiż minn fejn intbagħtu u ma teżistix informazzjoni li tagħti xi ħjiel li dan it-tip ta' tilqim kien sar qabel;]

(3) *inkella* [II.3.1. L-annimali tlaqqmu kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel, u din it-tilqima saritilhom aktar minn 12-il xahar qabel it-tluq;]]

II.3.2. l-annimali ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-60 jum ta' qabel id-data ta' meta ntbagħtu minn

(3) *jew* [pajjiż li t-territorju kollu tiegħu ilu ħieles mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]

(3) (5) *jew* [parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, li ilha ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq tal-annimali, u fil-partijiet l-oħra tat-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu teżisti l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, u

(3) *jew* [tlaqqmu kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors sħiħ ewlieni, u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, mhux inqas minn 60 jum u mhux iktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tagħhom, u nżammu fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu baqgħu f'saħħithom klinikament u t-temperatura ta' ġisimhom, li ttieħdet kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin li kien fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv;]]

(3) *inkella* [ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela u nżammu fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq u tul dak il-perjodu baqgħu f'saħħithom klinikament, u t-temperatura ta' ġisimhom, li tteħditilhom kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv, u l-annimali li kienu maħsubin biex jintbagħtu sarilhom test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fuq kampjun li tteħdilhom mhux inqas minn 14-il jum wara d-data li fiha ddaħħlu fil-kwarantina protetta mill-vetturi, b'riżultat negattiv, u baqgħu protetti mill-insetti vetturi sakemm intbagħtu;]]

(3) (5) *jew* [II.3.3. l-annimali ntbagħtu mill-Iżlanda, li hija ċċertifikata li hi uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, fejn kienu residenti dejjem minn twelidhom u qatt ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi li daħlu fl-Iżlanda minn pajjiżi oħra;]

(3) *inkella* [II.3.3. l-annimali ġew issoġġettati b'riżultat negattiv għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) jew għal ELISA għall-anemija infettiva ekwina li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il-..... (*daħħal id-data*), u li sar waqt il-perjodu tal-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

(3) [II.3.4. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, jew E, jew minn pajjiż fejn ġie rrappurtat il-glanders fit-3 snin ta' qabel id-data tat-tluq, u ġew issoġġettati għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il- ..... (*daħħal id-data*), u dan sar fil-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

([3]) [II.3.5. l-annimali huma ekwini maskili mhux ikkastrati jew ekwini nisa, li għandhom iktar minn 270 jum u li ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, jew E, jew minn pajjiż fejn ġiet irrappurtata d-durina fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq, u ġew issoġġettati għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għad-durina b'riżultat negattiv, li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il- ..... (*daħħal id-data*), u dan sar fil-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

([3]) ([5]) [II.3.6. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, u

([3]) *jew* [ma ġewx irrappurtati uffiċjalment l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant fil-pajjiż, jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż, minn fejn intbagħtu għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]]

([3]) *inkella* [l-annimali tlaqqmu b'kors ewlieni sħiħ u tlaqqmu mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur waqt is-sitt xhur, jew mill-inqas it-30 jum, qabel id-data tat-tluq b'tilqima inattivata, kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant. L-aħħar tilqima saret nhar il- ..... (*daħħal id-data*);]]

([3]) *inkella* [l-annimali nżammu għal mill-inqas 21 jum protetti mill-insetti vetturi, u f'dan il-perjodu ġew issoġġettati għal testijiet tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant nhar il- ..... (*daħħal id-data*) li saru

([3]) *jew* [fuq kampjun tad-demm li ttieħed minn kull annimal fil-konsenja nhar il- ..... (*daħħal id-data*) fil-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, b'riżultat negattiv f'kull każ;]]]

([3]) *inkella* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet minn kull annimal fil-konsenja b'intervall bejn it-teħid ta' mill-inqas 21 jum, nhar il- ..... (*daħħal id-data*) u nhar il- ..... (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed fl-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, mingħajr ma nstabet żieda fit-titru tal-antikorpi, u l-annimali tlaqqmu aktar minn 6 xhur qabel id-data tat-tluq;]]]

([3]) ([5]) [II.3.7. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u ġew issoġġettati għal test seroloġiku għall-marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, li twettaq mill-istess laboratorju fl-istess jum

([3]) *jew* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet minn kull annimal b'intervall bejn it-teħid ta' bejn 21 u 30 jum, nhar il- ..... (*daħħal id-data*) u nhar il- ..... (*daħħal id-data*), u t-tieni wieħed ittieħed fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq

([3]) *jew* [b'riżultat negattiv f'kull każ;]]]

([3]) *inkella* [b'riżultat pożittiv mill-ewwel kampjun, u

([3]) *jew* [it-tieni kampjuni sossegwentement kienu ssoġġettati għal-test għall-identifikazzjoni tal-aġenti kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, u f'kull każ irritornaw riżultat negattiv;]]]]

([3]) *inkella* [iż-żewġ kampjuni minn kull annimal ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus kif deskritt fil-punt 2.4 tal-Kapitlu 2.5.1. tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u ma nstabitx żieda ta' aktar mid-doppju fit-titru tal-antikorpi;]]]

([3]) *inkella* [fuq kampjun tad-demm li ttieħed minn kull annimal fil-konsenja nhar il- ..... (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, u f'kull każ ir-riżultat kien negattiv, u l-pajjiż jew parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu l-annimali huma magħrufin uffiċjalment li huma ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u ma jmissu ma' ebda pajjiż fejn kien hemm xi każ tal-marda Afrikana taż-żwiemel f'dawn l-aħħar sentejn.]]

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

II.4. *Attestat tal-kundizzjonijiet tat-trasportazzjoni*

([3]) *jew* [II.4.1. Saru l-arranġamenti li mbagħad ġew ivverifikati biex ikun żgurat li l-annimali jinġarru direttament f'biċċerija fit-territorju tal-Unjoni, mingħajr ma jgħaddu minn suq jew minn ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE, u mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li mhumiex awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni.]

([3]) *inkella* [II.4.1. Saru l-arranġamenti li mbagħad ġew ivverifikati, biex ikun żgurat li qabel ma jinġarru f'biċċerija fit-territorju tal-Unjoni, l-annimali jgħaddu minn suq jew minn ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE wieħed biss, li kien fl-istess Stat Membru, u minn fejn inġarru direttament fil-biċċerija mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li mhumiex awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni.]

II.4.2. Għal matul il-perjodu bejn iċ-ċertifikazzjoni u t-tluq lejn l-Unjoni, saru u ġew ivverifikati l-arranġamenti biex ma jkunx hemm kuntatt ma' ekwidi oħrajn li lanqas biss, għall-inqas, jikkonformaw mal-istess rekwiżiti tas-saħħa deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa.

II.4.3. Il-vetturi u l-kontejners tat-trasport li fihom se jinġarru l-annimali tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz minn fejn intbagħtu, u huma mibnijin b'mod li waqt it-trasportazzjoni ma jistgħux joħorġu minnhom il-ħmieġ, l-urina, il-mifrex jew l-għalf tal-annimali.

II.5. *Attestat tat-trattament xieraq tal-annimali*

L-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28. ġew eżaminati llum ([1]) u nstab li huma f'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fil-vjaġġ maħsub, u saru l-arranġamenti biex iħarsulhom saħħithom u l-benesseri b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ.

II.6. *Attestat għas-saħħa pubblika*

L-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28. ma ngħataw ebda sustanzi stilbeni jew tirostatiċi, jew sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti li ma kinux għal skopijiet terapewtiċi jew għal trattament żootekniku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(b) u (c) tad-Direttiva 96/22/KE.

Huma ssodisfati l-garanziji fuq l-ekwidi ħajjin li jingħataw mill-pjan dwar ir-residwi ppreżentat u approvat bi qbil mal-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE.

**Noti:**

**Parti I:**

Kaxxa I.8.: Agħti l-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż li jidher fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

Kaxxa I.15.: Iridu jingħataw in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (bastiment) u informazzjoni oħra. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur irid jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa I.23.: Jenħtieġ li jiddaħħal in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn japplika).

Kaxxa I.28.: *Speċijiet*: Agħżel minn fost dawn: "*Equus caballus*", "*Equus asinus*" jew "*Equus caballus x Equus asinus*".

*Is-sistema ta' identifikazzjoni*: Kull annimal irid ikollu identifikatur individwali li jorbot lil dak l-annimal mad-dokument tal-identifikazzjoni. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

*Età*: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

*Sess* (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

▼M1

**PAJJIŻ** **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat | II.b. Nru ta' referenza lokali |
|---|---|---|

**Parti II:**

(1) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-jum tat-tagħbija tal-annimali biex jintbagħtu fl-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.

L-importazzjoni ta' dawn l-annimali ekwini għall-qatla ma għandhiex tkun permessa jekk l-annimali jkunu tgħabbew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' ekwidi ħajjin għall-qatla fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv li ssemma fil-punt II.1.1. jew minn parti mit-territorju tiegħu, jew jekk ikunu tgħabbew fi żmien meta l-Unjoni tkun adottat xi miżuri restrittivi kontra d-dħul ta' ekwidi minn dan il-pajjiż jew minn din il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu.

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż u l-Grupp Sanitarju li jidher rispettivament fil-kolonni 3 u 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

(3) Ħassar fejn ma japplikax.

(4) Ħassar id-dikjarazzjoni jekk il-punt II.1.3. tal-attestat japplika għall-pajjiż kollu minn fejn intbagħat l-annimal.

(5) Jistgħu jitħallew barra dikjarazzjonijiet marbuta kompletament u esklussivament ma' Grupp Sanitarju li mhuwiex dak tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal jew ta' parti mit-territorju tiegħu, dejjem jekk tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sossegwenti.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu:

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu l-annimali se jidħlu fit-territorju tal-Unjoni u se jkunu ssoġġettati għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jingħabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M1

**Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għad-dħul ta' konsenji ta' ekwidi ħajjin għall-qatla fl-Unjoni**

Identifikazzjoni tal-annimali ([1])

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru tal-identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|
| ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |

Jien li qed niffirma hawn taħt, sid ([2]) l-annimali jew ir-rappreżentant ([2]) ta' sid l-annimali deskritti hawn fuq, b'dan niddikjara li:

— l-annimali damu fil-pajjiż minn fejn intbagħtu jew f'parti mit-territorju ta' dan il-pajjiż għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tat-tluq;

— għall-perjodu tal-aħħar 15-il jum ta' qabel id-data tat-tluq, l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;

— huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn i

— huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar it-trasportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;

— it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri tal-annimal jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;

— l-annimali se jintbagħtu

([2]) *jew* [direttament mill-post minn fejn jintbagħtu għall-biċċerija tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn bi status ta' saħħa differenti minn tagħhom;]

([2]) *inkella* [mill-bini minn fejn intbagħtu għall-biċċerija tad-destinazzjoni se jgħaddu minn suq jew ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) wieħed, imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi oħra li ma għandhomx l-istess status ta' saħħa bħal tagħhom;]

L-isem u l-indirizz ta' sid ([2]) l-annimal jew tar-rappreżentant ([2]) tiegħu: .....

Data: ..... (*jj/xx/ssss*)

([1]) *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus, Equus asinus*, jew indika xi taħlita bejniethom.

*Is-sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi kkollegat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

*Età*: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

*Sess* (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

([2]) Ħassar fejn ma japplikax.

▼B

PARTI 4

**Noti ta' spjegazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni**

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur ibbażati fuq il-mudell stabbilit fil-Parti 1, 2, jew 3 tal-Anness II, skont liema mudell jikkorrispondi mal-annimali kkonċernati.

Għandu jkun fihom, fl-ordni nnumerata kif tidher fil-mudell, l-attestati li huma meħtieġa għal kull pajjiż u, skont il-każ, dawk il-garanziji supplimentari li huma meħtieġa għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż esportatur.

(b) Jekk fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jkun hemm miktub li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu skont kif imiss, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jiġu ingassati u inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.

(c) Għandu jinħareġ ċertifikat tas-saħħa separat u uniku għall-annimali li jiġu esportati minn territorju wieħed li jidher fil-kolonni 2 u 4 tal-Anness I, li jkunu kkonsenjati lejn l-istess destinazzjoni u ttrasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, inġenju tal-ajru, jew bastiment.

(d) L-oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun magħmul minn folja waħda, jew, fejn huwa meħtieġ aktar test, għandu jkun b'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.

(e) Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitfassal b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-UE fejn qiegħed il-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul tal-konsenja fl-Unjoni, u tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, dawk l-Istati Membri tal-UE jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ taċ-ċertifikat tas-saħħa bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE ieħor, u li jkun akkumpanjat, jekk jeħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

(f) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-annimali fil-konsenja (skeda fil-Kaxxa I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa), jinthemżu folji addizzjonali maċ-ċertifikat tas-saħħa, dawn il-folji għandhom jitqiesu wkoll li jiffurmaw parti mill-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa billi kull paġna tiġi ffirmata u ttimbrata mill-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika.

(g) Meta ċ-ċertifikat tas-saħħa, inkluż l-iskedi addizzjonali msemmija fil-punt (f), ikun fih aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun innumerata (*numru tal-paġna*) minn (*għadd totali tal-paġni*), f'qiegħ il-paġni u fuq nett tal-paġni għandu jkollu n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat li jkun ingħata mill-awtorità kompetenti.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jimtela u jkun iffirmat minn veterinarju uffiċjali fl-aħħar 24 siegħa qabel ma titgħabba l-konsenja, jew, fil-każ ta' żwiemel reġistrati, fl-aħħar jum tax-xogħol qabel it-tagħbija, għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta għandhom jiżguraw li jissegwew il-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE ([1]).

Il-kulur tal-firma u tat-timbru tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak tat-tipa stampata fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għat-timbri li ma jkunux ibbuzzati jew b'marka tal-ilma.

(i) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jibqa' dejjem mal-konsenja sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

(j) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-Kaxxa I.2 u fil-Kaxxa II.a. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur.

([1]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

▼B

*ANNESS III*

**MUDELLI TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' SEMEN, *OVA* U EMBRIJUNI TAL-EKWIDI**

PARTI 1

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' semen**

*Taqsima A*

MUDELL 1 – Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet ta' konsenji tas-semen tal-ekwidi miġbura bi qbil mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u mibgħuta minn ċentru tal-ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-telefown | | I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi |
| I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Ċentru tas-semen ☐<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | Numru tal-approvazzjoni | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Ċentru tas-semen ☐<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | L-impriża ☐<br><br>Numru tal-approvazzjoni |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz tat-Trasport<br><br>Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE<br><br>I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | | I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)<br>**05 11 99 85** | |
| | | I.20. Kwantità | |
| I.21. | | I.22. Għadd ta' pakketti | |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | | I.24. | |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | | | |
| I.26. Għat-transitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br><br>Pajjiż terz Kodiċi ISO | | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br><br>Speċi (Isem xjentifiku) Identità tad-donatur Data tal-ġbir Kwantità | | | |

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, tal-pajjiż esportatur ([2]) ..... b'dan
(*isem il-pajjiż esportatur*)

niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ([3]), li fih inġabar, ġie pproċessat u maħżun għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni s-semen deskritt hawn fuq, huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I(I)(1) u tal-Kapitolu I(II) (1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE ([4]);

II.2. Waqt il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-semen deskritt hawn fuq sad-data li ntbagħat is-semen frisk jew imkessaħ, jew sakemm skada l-perjodu tal-ħażna ta' 30 jum fil-każ ta' semen iffriżat, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.2.1. kien jinsab fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE ([5]), f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li kienet:

— mhux meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,

— ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-anqas sentejn,

— ħielsa mill-glanders u mid-durina għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur;

II.2.2. tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-impriżi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u b'mod partikolari:

([1]) *jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt ma tbiċċrux jew inqatlu l-annimali kollha tal-ispeċi suxxettibbli għal dik il-marda li kienu fl-impriża, u l-impriża ilha ħielsa:

— minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur, li jibda fil-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda,

— mill-anemija infettiva ekwina (AIE) mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li twettaq fuq kampjuni li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet, minn kull annimal li kien fadal wara li nqatlu l-annimali infettati, b'intervall bejn it-teħid ta' tliet xhur,

— mill-istomatite vexxikulari (SV) għal mill-inqas sitt xhur mill-aħħar każ irreġistrat,

— mir-rabja għal mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,

— mill-antraċe għal mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

([1]) *inkella* [II.2.2.1. wara li kien hemm każ ta' marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-impriża tbiċċru jew inqatlu u l-bini ġie ddiżinfettat, u l-impriża ilha ħielsa għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, ta' anemija infettiva ekwina, ta' stomatite vexxikulari u ta' rabja, jew fil-każ tal-antraċe, ilha ħielsa għal 15-il jum, mill-ġurnata li fiha, wara li nqerdu l-annimali, tlestiet b'mod sodisfaċenti d-diżinfezzjoni tal-bini;]

II.2.3. kien fiha biss ekwidi li kienu ħielsa minn kull sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina u ta' metrite ekwina kontaġġuża,

II.3. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u l-ekwidi l-oħrajn kollha li kienu fiċ-ċentru:

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.3.1. kienu residenti kontinwament għal tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE, f'dik il-parti mit-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dan il-perjodu kien:

— mhux meqjus infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,

— ħieles mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-anqas sentejn,

— ħieles mill-glanders u mid-durina għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur;

(1) *jew* [II.3.2. oriġinaw mill-pajjiż esportatur li kien ilu ħieles mill-istomatite vexxikulari (SV) għal mill-inqas sitt xhur fil-jum meta ddaħħlu fiċ-ċentru,]

(1) *inkella* [II.3.2. ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari (VS) li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 fi 32 u rritorna riżultat negattiv, jew għal test ELISA VS li rritorna riżultat negattiv, bi qbil mal-kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, fuq kampjun tad-demm li ttieħed (6) fl-aħħar 14-il jum qabel ma ddaħħlu fiċ-ċentru;]

II.3.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.2.2.;

II.4. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi, li:

II.4.1. ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew kontaġġuż fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum li nġabar is-semen;

II.4.2. inżammu għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew ta' metrite ekwina kontaġġuża matul dak il-perjodu;

II.4.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3. u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.4.4. għaddew mit-testijiet li ġejjin, li jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, li twettqu f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti u li t-testijiet imsemmijin minn hawn 'il quddiem huma inklużi fl-akkreditazzjoni tiegħu li hija ekwivalenti għal dak li hu previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 (7), kif ġej:

(8) [II.4.4.1. għall-anemija infettiva ekwina, test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li rritorna riżultat negattiv, jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) għall-anemija infettiva ekwina li rritorna riżultat negattiv;]

II.4.4.2. għall-arterite virali ekwina (EVA),

(1) *jew* [II.4.4.2.1. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum b'soluzzjoni ta' dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed f'kull erbgħa, li rritorna riżultat negattiv;]

(1) *u/jew* [II.4.4.2.2. test ta' iżolament tal-virus, jew reazzjoni katina bil-polimeraži (PCR), jew PCR f'ħin reali li rritorna riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.4.4.3. għall-metrite ekwina kontaġġuża, test għall-identifikazzjoni tal-aġent li twettaq fuq tliet kampjuni (tampuni) li ttieħdu miż-żiemel tal-għalla donatur, f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall bejn it-teħid ta' mhux anqas minn 7 ijiem, mill-inqas mill-għant tal-pene (il-prepuzju), mill-uretra u mill-fossa glandis;

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

F'ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem il-kampjuni (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħall-medium Amies, qabel ma ntbagħtu lejn il-laboratorju fejn ġew issoġġettati u taw riżultat negattiv għal test għal:

([1]) *jew* [II.4.4.3.1. l-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis* wara l-koltivazzjoni taħt kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal tal-inqas 7 ijiem, stabbiliti fl-ewwel 24 siegħa wara li ttieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur, jew 48 siegħa li fihom il-kampjuni nżammu mkessħa matul it-trasportazzjoni;]

([1]) *u/jew* [II.4.4.3.2. is-sejba tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis* permezz ta' reazzjoni katina bil-polimeraży jew permezz ta' reazzjoni katina bil-polimeraży f'ħin reali, imwettaq fl-ewwel 48 siegħa wara li ttieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur;]

II.4.5. ġew issoġġettati għal talanqas wieħed minn dawn il-programmi tat-testijiet imniżżlin rispettivament fil-punti 1.6(a), (b) u (c) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE kif ġej, u f'kull każ taw ir-riżultati speċifikati fil-punt II.4.4.:

([9]) [II.4.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur inżamm residenti kontinwament fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, u ebda ekwidi fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. saru fuq kampjuni li ttieħdu ([6]) miż-żiemel tal-għalla donatur għall-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir jew qabel l-ewwel ġabra tas-semen maħsub għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-semen.]

([9]) [II.4.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, iżda ħareġ miċ-ċentru tal-ġbir fuq ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew ekwidi oħra fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal tagħhom.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. saru fuq kampjuni li ttieħdu ([6]) miż-żiemel tal-għalla donatur għall-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir jew qabel l-ewwel ġabra tas-semen maħsub għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-semen,

*u* waqt il-perjodu ta' ġbir tas-semen maħsub għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, iż-żiemel tal-għalla donatur ġie ssuġġettat għat-testijiet deskritti fil-punt II.4.4., kif ġej:

(a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.4.4.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm li ttieħed ([6]) mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq;

(b) għall-arterite virali ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti

([1]) *jew* [fil-punt II.4.4.2. twettaq l-aħħar fuq kampjun li ttieħed ([6]) mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq;]

([1]) *inkella* [fil-punt II. 4.4.2.2 twettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur li ttieħdet ([6]) mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq; u kampjun tad-demm li ttieħed ([6]) miż-żiemel tal-għalla donatur waqt il-perjodu ta' sitt xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed f'erbgħa;]

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(c) għall-metrite ekwina kontaġġuża, it-test deskritt fil-punt II.4.4.3. twettaq l-aħħar fuq tliet kampjuni (tampuni) li ttieħdu ([6]) mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq

([1]) *jew* [f'żewġ okkażjonijiet;]

([1]) *inkella* [darba u ġew issoġġettati għal reazzjoni katina bil-polimeraži jew għal reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali.]]

([9]) [II.4.5.3. Iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.6(a) u (b) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, u s-semen jingabar għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen iffriżat.

It-testijiet deskritti fil-punti II.4.4.1, II.4.4.2. u II.4.4.3 saru fuq kampjuni li ttieħdu ([6]) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena, fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir,

*u* t-testijiet deskritti fil-punti II.4.4.1 u II.4.4.3. saru fuq kampjuni li ttieħdu miż-żiemel tal-għalla donatur ([6]) waqt il-perjodu ta' ħażna tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma jitneħħa s-semen miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq,

*u* ([1]) *jew* [it-testijiet għall-arterite virali ekwina deskritti fil-punt II.4.4.2. saru fuq kampjuni li ttieħdu ([6]) waqt il-perjodu tal-ħażna tas-semen li hu twil għall-minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen, u qabel ma jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen jew jintuża, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq.]

([1]) *inkella* [iż-żiemel tal-għalla donatur seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat bħala non-shedder (mhux xerriedi) minn test ta' iżolament virali, minn reazzjoni katina bil-polimeraži jew minn reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali li twettaq fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur li ttieħdu ([6]) darbtejn fis-sena b'intervall ta' għall-inqas erba' xhur bejniethom u rritornaw riżultat negattiv, u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' mill-inqas wieħed minn kull erbgħa f'test ta' seronewtralizzazzjoni għall-arterite virali ekwina.]

II.4.6. għadda mill-ittestjar previst fil-punti II.3.2. ([1]) u II.4.5. fuq kampjuni li ttieħdu fid-dati li ġejjin:

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm tat-testijiet | Data tal-bidu ([6]) | | Data tat-teħid tal-kampjuni għat-testijiet tas-saħħa ([6]) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS ([1]) II.3.2 (Stomatite Vexxikulari) | EIA II.4.4.1. (Anemija Infettiva taż-Żwiemel) | EVA II. 4.4.2. (Arterite Virali Ekwina) | | CEM (Metrite Ekwina Kontaġġuża) II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

([1]) *jew* [II.5. Ma nżidux antibijotiċi mas-semen;]

([1]) *inkella* [II.5. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejjin inżiedu biex ipproduċew konċentrazzjoni fis-semen finali dilwit ta' mhux anqas minn ([10]):

.....

.....;]

II.6. Is-semen deskritt hawn fuq:

II.6.1. inġabar, ġie pproċessat, inħażen u ġie ttrasportat f'kundizzjonijiet li jaqblu mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.6.2. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.11.: Il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-post tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.22.: L-għadd ta' pakketti għandu jkun bħall-għadd tal-kontenituri.

Kaxxa I.23.: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.28.: L-identità tad-donatur għandha taqbel mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.4.6.

Abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| VS | L-ittestjar għall-istomatite vexxikulari jekk ikun meħtieġ skont il-punt II.3.2 |
| EIA-1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-anemija infettiva ekwina |
| EIA-2 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-anemija infettiva ekwina |
| EVA-B1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tad-demm |
| EVA-B2 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tad-demm |
| EVA-S1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tas-semen |
| EVA-S2 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tas-semen |
| CEM-11 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq l-ewwel kampjun |
| CEM-12 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq it-tieni kampjun li ttieħed 7 ijiem wara s-CEM-11 |
| CEM-21 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq l-ewwel kampjun |
| CEM-22 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq it-tieni kampjun li ttieħed 7 ijiem wara s-CEM-21 |

Istruzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A li jikkorrispondi mal-Kaxxa I.28, il-programm tal-ittestjar (il-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3.) għandu jiġi speċifikat fil-kolonna B, u fil-kolonni C u D għandhom jiddaħħlu d-dati meħtieġa.

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen ekwin – Taqsima A**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt hawn fuq, kif meħtieġ fil-punti II.4.5.1, II.4.5.2 u II.4.5.3, għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri fil-kaxxi mmarkati EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ skont il-punt II.4.5.2. jew II.4.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni 5 sa 9 fit-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS II.3.2. | EIA II.4.4.1. | EVA II.4.4.2. | | CEM (Metrite Ekwina Kontaġġuża) II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| **A** | **B** | **C** | **D** | **VS** | **EIA-1** | **EVA-B1** | **EVA-S1** | **CEM-11** | **CEM-12** |
| | | | | | **EIA-2** | **EVA-B2** | **EVA-S2** | **CEM-21** | **CEM-22** |

([1]) Ħassar skont il-bżonn.

([2]) L-importazzjonijiet ta' semen ekwin huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 sakemm is-semen ikun inġabar fil-parti mit-territorju tal-pajjiż terz elenkat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness u minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija tal-ekwidi indikata fil-kolonni 11, 12 jew 13 f'dak l-Anness.

([3]) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fis-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/equine/index_en.htm.

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, *ova* u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

([6]) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.4.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([8]) It-test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) jew l-ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-ekwidi donaturi li ilhom residenti fl-Iżlanda kontinwament sa mit-twelid, dejjem jekk l-Iżlanda baqgħet uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, u fiż-żmien meta nġabar is-semen fl-Iżlanda ma ddaħħlu ebda ekwidi jew semen, *ova* jew embrijuni ta' ekwidi minn barra.

([9]) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-konsenja.

([10]) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

— It-timbru u l-firma jridu jkunu b'kulur differenti minn dak tal-istampar.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼B

*Taqsima B*

MUDELL 2 – Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' konsenji ta' stokkijiet tas-semen tal-ekwidi miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-post tal-oriġini tas-semen

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta**

| | | |
|---|---|---|
| I.1. Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-telefown | I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO / I.8. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.10. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi | |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Ċentru tas-semen ☐<br><br>Isem / Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Ċentru tas-semen ☐ / L-impriża ☐<br><br>Isem / Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz tat-Trasport<br><br>Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE | |
| | I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)<br>**05 11 99 85** | |
| | I.20. Kwantità | |
| I.21. | I.22. Għadd ta' pakketti | |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | I.24. | |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | | |
| I.26. Għat-transitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br><br>Pajjiż terz / Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (Isem xjentifiku) / Identità tad-donatur / Data tal-ġbir / Kwantità | | |

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, tal-pajjiż esportatur ([2]) ..... b'dan
*(isem il-pajjiż esportatur)*

niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ([3]), li fih inġabar, ġie pproċessat u maħżun għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea s-semen deskritt hawn fuq, huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti bi qbil mal-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I(I)(1) u tal-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.2. matul il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-semen deskritt hawn fuq sad-data li skada l-perjodu ta' ħażna ta' 30 jum fil-każ ta' semen iffriżat, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.2.1. kien jinsab fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE ([8]), f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li kienet:

— mhux meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([8]),

— ilha sentejn ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela,

— ilha sitt xhur ħielsa mill-glanders u mid-durina;

II.2.2. tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-impriżi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE ([8]) u b'mod partikolari:

([1]) *jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt ma tbiċċrux jew ma nqatlux kollha l-annimali tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu fl-impriża, u l-impriża ilha ħielsa:

— minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur, li beda fil-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda,

— mill-anemija infettiva ekwina (AIE) mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test Coggins) li twettaq fuq kampjuni li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet, minn kull annimal li kien fadal wara li nqatlu l-annimali infettati, b'intervall bejn it-teħid ta' tliet xhur,

— mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas sitt xhur mill-aħħar każ irreġistrat,

— mir-rabja għal mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,

— mill-antraċe għal mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

([1]) *inkella* [II.2.2.1. wara li kien hemm każ ta' marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-impriża tbiċċru jew inqatlu u l-bini ġie ddiżinfettat, u l-impriża ilha ħielsa għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, anemija infettiva ekwina, stomatite vexxikulari u rabja, jew għal 15-il jum fil-każ tal-antraċe, mill-ġurnata li fiha, wara l-qerda tal-annimali, tlestiet b'mod sodisfaċenti d-diżinfezzjoni tal-bini;]

II.2.3. kien fiha biss ekwidi li kienu ħielsa minn kull sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina u ta' metrite ekwina kontaġġuża,

II.3. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u l-ekwidi l-oħrajn kollha li kienu fiċ-ċentru:

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.3.1. kienu residenti kontinwament għal tliet xhur (jew minn meta daħlu, jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, matul il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE ([8]), f'dik il-parti mit-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dan il-perjodu

— ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([8]),

— ilha ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn,

— ilha ħielsa mill-glanders u mid-durina għal mill-inqas sitt xhur;

([1]) *jew* [II.3.2. oriġinaw mill-pajjiż esportatur li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kien ħieles mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas sitt xhur,]

([1]) *inkella* [II.3.2. ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari (VS) li rritorna riżultat negattiv u li twettaq b'soluzzjoni dilwita tas-serum ta' 1 f'kull 12 fuq kampjun tad-demm li ttieħed ([4]) fl-aħħar 14-il jum qabel ma ddaħħlu fiċ-ċentru;]

II.3.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.2.2.;

II.4. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li:

II.4.1. ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew kontaġġuż meta daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum li nġabar is-semen;

II.4.2. inżammu għal 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew ta' metrite ekwina kontaġġuża matul dak il-perjodu;

II.4.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmija fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3. u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.4.4. sarulhom it-testijiet li ġejjin, li talanqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti fil-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, li twettqu fuq kampjuni li ttieħdu skont wieħed mill-programmi speċifikati fil-punt II.4.5, f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti:

([1]) ([5]) *jew* [II.4.4.1. test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test Coggins) għall-anemija infettiva ekwina li rritorna riżultat negattiv;]

([1]) ([5]) *jew* [II.4.4.1. ELISA għall-anemija infettiva ekwina li rritorna riżultat negattiv;]

*u* ([1]) *jew* [II.4.4.2. test ta' seronewtralizzazzjoni għall-arterite virali ekwina b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' wieħed f'kull erbgħa, li rritorna riżultat negattiv;]

([1]) *inkella* [II.4.4.2. test ta' iżolament tal-vajrus għall-arterite virali ekwina imwettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur u rritorna riżultat negattiv;]

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | | | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|---|
| *kif ukoll* | II.4.4.3. | test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina kontaġġuża li twettaq f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni li ttieħdu b'intervall ta' sebat ijiem bejn it-teħid, bl-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis* wara kultivazzjoni ta' minn 7 sa 14-il jum mill-fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew minn kampjun tas-semen u minn tampuni ġenitali li ttieħdu tal-inqas mill-għant tal-pene, mill-uretra u mill-fossa uretrali u f'kull każ irritornaw riżultat negattiv; | | |
| | II.4.5. | ġew issoġġettati, bir-riżultati speċifikati fil-punt II.4.4. f'kull każ, għal tal-inqas wieħed mill-programmi ta' testijiet ([6]) kif hemm fid-dettall fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2 u II.4.5.3., kif ġej: | | |
| | | II.4.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien dejjem residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen, kif deskritt hawn fuq, u ebda ekwidi fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal dak taż-żiemel tal-għalla donatur. | | |
| | | It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu qabel ([4]) l-ewwel ġabra tas-semen u talanqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mhux inqas minn 30 jum. | | |
| | | II.4.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mhux inqas minn 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir, u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen, kif deskritt hawn fuq, iżda ħareġ miċ-ċentru fuq ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, jew kien hemm ekwidi oħra fiċ-ċentru tal-ġbir li ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal tagħhom. | | |
| | | It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu qabel ([4]) l-ewwel ġabra tas-semen tal-istaġun tat-tgħammir, jew tal-perjodu tal-ġbir fis-sena meta nġabar is-semen deskritt hawn fuq, u talanqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mhux inqas minn 30 jum, | | |
| | *u* | | it-test deskritt fil-punt II.4.4.1. għall-anemija infettiva ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud ([4]) mhux aktar minn 90 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt hawn fuq; | |
| | *kif ukoll* | ([1]) *jew* | [wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.4.4.2. għall-arterite virali ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm li ttieħed ([4]) mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt hawn fuq,] | |
| | | ([1]) *inkella* | [twettaq test ta' iżolament virali għall-arterite ekwina virali, li rritorna riżultat negattiv, fuq alikwota tas-semen kollu meħud miż-żiemel tal-għalla donatur ([4]) mhux aktar minn 6 xhur qabel ma nġabar is-semen deskritt hawn fuq, u kampjun tad-demm li ttieħed fl-istess data ([4]) rreaġixxa b'mod pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite ekwina virali f'dilwazzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed f'kull erbgħa,] | |
| | *kif ukoll* | | it-test deskritt fil-punt II.4.4.3. għall-metrite ekwina kontaġġuża twettaq l-aħħar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu ([4]) mhux aktar minn 60 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt hawn fuq. | |
| | | II.4.5.3. | It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu ([4]) qabel l-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tgħammir jew il-perjodu tal-ġbir tas-semen fis-sena li fiha jkun inġabar is-semen imsemmi hawn fuq, | |
| | *u* | | it-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu l-aħħar fuq kampjuni li ttieħdu ([4]) bejn14 u 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq. | |

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.4.6. għadda mill-ittestjar previst fil-punti II.3.2. ([1]) u II.4.5. fuq kampjuni li ttieħdu fid-dati li ġejjin:

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm tat-testijiet | Data tal-bidu ([4]) | | Data tat-teħid tal-kampjuni għat-testijiet tas-saħħa ([4]) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS ([1]) II.3.2 (Stomatite Vexxikulari) | EIA II.4.4.1. (Anemija Infettiva Ekwina) | EVA II. 4.4.2. (Arterite Virali Ekwina) | | CEM II.4.4.3. (Metrite Ekwina Kontaġġuża) | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

([1]) *jew* [II.5. Ma nżidux antibijotiċi mas-semen;]

([1]) *inkella* [II.5. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejjin inżiedu biex ipproduċew konċentrazzjoni fis-semen finali dilwit ta' mhux anqas minn ([7]):

.....

.....;]

II.6. Is-semen deskritt hawn fuq:

II.6.1. inġabar, ġie pproċessat, inħażen u ġie ttrasportat f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) and III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.6.2. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat bi qbil mal-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.11.: Il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-post tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.22.: L-għadd ta' pakketti għandu jaqbel mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23.: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.28.: L-identità tad-donatur għandha taqbel mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.4.6.

Abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| VS | L-ittestjar għall-istomatite vexxikulari (SV) jekk ikun meħtieġ skont il-punt II.3.2 |
| EIA-1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-anemija infettiva ekwina |
| EIA-2 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-anemija infettiva ekwina |
| EVA-B1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tad-demm |
| EVA-B2 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tad-demm |
| EVA-S1 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-arterite virali ekwina fuq kampjun tas-semen |
| EVA-S2 | Ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen it-tieni darba |
| CEM-11 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq l-ewwel kampjun |
| CEM-12 | L-ewwel okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq it-tieni kampjun li ttieħed 7 ijiem wara s-CEM-11 |
| CEM-21 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq l-ewwel kampjun |
| CEM-22 | It-tieni okkażjoni ta' ttestjar għall-metrite ekwina kontaġġuża fuq it-tieni kampjun li ttieħed 7 ijiem wara s-CEM-21 |

Istruzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A li jikkorrispondi mal-Kaxxa I.28, il-programm tat-testijiet (il-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3.) irid jiġi speċifikat fil-kolonna B u l-kolonni C u D iridu jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt hawn fuq, kif meħtieġ fil-punti II.4.5.1, II.4.5.2 u II.4.5.3, jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni 5 sa 9 tat-tabella, u dan ifisser il-kaxxi mmarkati EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ skont il-punt II.4.5.2. jew II.4.5.3. jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni 5 sa 9 fit-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm tat-testijiet | Data tal-bidu | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS (Stomatite Vexxikulari) II.3.2. | EIA (Anemija Infettiva Ekwina) II.4.4.1. | EVA (Arterite Virali Ekwina) II.4.4.2. | | CEM (Metrite Ekwina Kontaġġuża) II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| **A** | **B** | **C** | **D** | **VS** | **EIA-1** | **EVA-B1** | **EVA-S1** | **CEM-11** | **CEM-12** |
| | | | | | **EIA-2** | **EVA-B2** | **EVA-S2** | **CEM-21** | **CEM-22** |

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) L-importazzjonijiet tas-semen ekwin huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 dejjem jekk is-semen ikun inġabar fil-parti mit-territorju tal-pajjiż terz iddettaljat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija tal-ekwidi indikata fil-kolonni 11, 12 jew 13 f'dak l-Anness.

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

([3]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati li huma elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fis-sit web tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/equine/index_en.htm.

([4]) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.4.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

([5]) It-test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test Coggins) jew l-ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-ekwidi donaturi li ilhom residenti fl-Iżlanda kontinwament sa minn twelidhom, dejjem jekk l-Iżlanda baqgħet uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina u ma ddaħħlu ebda ekwidi u semen, *ova* jew embrijuni tagħhom minn barra l-Iżlanda qabel u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen.

([6]) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-konsenja.

([7]) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

([8]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

— It-timbru u l-firma jridu jkunu b'kulur differenti minn dak tal-istampar.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼B

*Taqsima C*

MUDELL 3 - Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' konsenji ta' stokkijiet tas-semen tal-ekwidi miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010 li ntbagħtu wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-post tal-oriġini tas-semen

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-telefown | | I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi |
| I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Ċentru tas-semen ☐<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | Numru tal-approvazzjoni | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Ċentru tas-semen ☐ L-impriża ☐<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | Numru tal-approvazzjoni |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz tat-Trasport<br><br>Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE | |
| | | I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | | I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)<br>**05 11 99 85** | |
| | | I.20. Kwantità | |
| I.21. | | I.22. Għadd ta' pakketti | |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | | I.24. | |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br><br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | | | |
| I.26. Għat-transitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br><br>Pajjiż terz | Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (Isem xjentifiku) | Identità tad-donatur | Data tal-ġbir | Kwantità |

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima C**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, tal-pajjiż esportatur ([2]) ..... b'dan
(*isem il-pajjiż esportatur*)

niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li fih inġabar is-semen kif deskritt hawn fuq, ġie proċessat u maħżun għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea:

II.1.1. huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.1.2. jinsab fit-territorju tal-pajjiż ta' esportazzjoni, jew fil-każ tar- reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE ([6]) f'parti mit-territorju tal-pajjiż ta' esportazzjoni, li minn dakinhar li nġabar is-semen sad-data ta' meta ntbagħat, kien ħieles minn:

— il-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mal-leġiżlazzjoni tal-UE,

— l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal sentejn,

— il-glanders u d-durina għal sitt xhur;

II.1.3. waqt il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen sad-data meta ntbagħat ma kienx suġġett għal ordni ta' projbizzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħet l-annimali li stabbilixxiet waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.1.3.1. jekk ma nqatlux jew ma tbiċċrux l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-marda li kien hemm fl-impriża, il-projbizzjoni damet:

— fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina infettiva, sitt xhur, mill-ġurnata li fiha l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda nqatlu,

— fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, iż-żmien li nħtieġ biex twettqu u taw riżultat negattiv żewġ testijiet ta' Coggins, b'intervall ta' tliet xhur bejniethom, fuq l-annimali li fadal wara li l-annimali infettati tbiċċru,

— fil-każ tal-istomatite vexxikulari, sitt xhur,

— fil-każ tar-rabja, xahar mill-aħħar każ irreġistrat,

— fil-każ tal-antraċe, 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat.

II.1.3.2. jekk tbiċċru jew inqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-marda li kienu jinsabu fl-impriża u l-bini ġie ddiżinfettat, il-projbizzjoni damet 30 jum, jew 15-il jum fil-każ tal-antraċe, mill-ġurnata li fiha, wara l-qerda tal-annimali, tlestiet b'mod sodisfaċenti d-diżinfezzjoni tal-bini;

II.1.4. matul il-perjodu li beda 30 jum qabel il-ġbir tas-semen u li jkun dam sad-data ta' meta ntbagħat, kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina u metrite ekwina kontaġġuża,

II.2. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u l-ekwidi l-oħrajn kollha li kienu fiċ-ċentru:

II.2.1. kienu residenti kontinwament għal tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' tliet xhur) fit-territorju, jew fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni f'parti mit-territorju ([1]) tal-pajjiż ta' esportazzjoni li matul dak il-perjodu kien ħieles minn:

— il-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mal-leġiżlazzjoni tal-UE,

— l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal sentejn,

— il-glanders għal sitt xhur,

— id-durina għal sitt xhur;

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima C**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(1) *jew* [II.2.2. oriġinaw mit-territorju tal-pajjiż ta' esportazzjoni li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kien ħieles mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas sitt xhur,]

(1) *inkella* [II.2.2. ġew ittestjati b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il- ..... (4), jiġifieri waqt il-perjodu tal-14-il jum qabel ma ddaħħlu fiċ-ċentru, u taw riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-serum bi proporzjon ta' 1 f'kull 12;]

II.2.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.1.3.;

II.3. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li:

II.3.1. fil-jum meta nġabar is-semen, ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew mard kuntaġġuż,

II.3.2. talanqas tul 30 jum qabel il-ġbir tas-semen ma ntużawx biex jitgħammru b'mod naturali,

II.3.3. matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu f'azjendi fejn ma kien hemm l-ebda annimal ekwin li wera xi sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina,

II.3.4. matul l-aħħar 60 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera sinjali kliniċi ta' metrite ekwina kontaġġuża,

II.3.5. sa fejn naf jien u sa fejn stajt naċċerta ruħi, ma ġewx f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li kienu qed ibatu minn xi marda infettiva jew kuntaġġuża matul il-15-il jum eżatt qabel il-ġbir tas-semen;

II.3.6. sarulhom it-testijiet tas-saħħa tal-annimali li ġejjin, li twettqu f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' programm ta' testijiet kif speċifikat fil-punt II.3.7.:

II.3.6.1. test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test Coggins) għall-anemija infettiva ekwina u rritornaw riżultat negattiv(3);

(1) *jew* [II.3.6.2. test ta' seronewtralizzazzjoni għall-arterite virali ekwina u taw riżultat negattiv b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' 1 f'kull 4;]

(1) *inkella* [II.3.6.2. test ta' iżolament virali għall-arterite virali ekwina mwettaq fuq alikwota tas-semen kollu li rritorna riżultat negattiv;]

II.3.6.3. test għall-metrite ekwina kontaġġuża imwettaq darbtejn b'intervall ta' sebat ijiem bejn it-teħid, bl-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis* fuq il-fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew fuq kampjun tas-semen u fuq tampuni ġenitali li ttieħdu tal-inqas mill-għant tal-pene, mill-uretra u mill-fossa uretrali u f'kull każ irritornaw riżultat negattiv;

II.3.7. ġew issoġġettati għal wieħed mill-programmi ta' testijiet li ġejjin (5):

II.3.7.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur inżamm residenti b'mod kontinwu fiċ-ċentru tal-ġbir għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen, u matul il-perjodu tal-ġbir, u tul dak iż-żmien ebda ekwidi fiċ-ċentru tal-ġbir ma ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal dak taż-żwiemel tal-għalla donaturi.

It-testijiet meħtieġa fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu nhar il- ..... (4) u nhar il- ..... (4), mill-inqas 14-il jum wara li beda l-perjodu ta' residenza msemmi aktar 'il fuq u mill-inqas fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir;

II.3.7.2. Iż-żiemel tar-razza donatur ma kienx residenti kontinwament fiċ-ċentru tal-ġbir, jew ġew f'kuntatt dirett ekwidi oħra fiċ-ċentru tal-ġbir ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri għal dak taż-żwiemel tal-għalla donaturi.

It-testijiet meħtieġa fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu nhar il- ..... (4) u nhar il- ..... (4), waqt il-perjodu tal-14-il jum wara l-ewwel ġabra tas-semen u mill-inqas fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir.

It-test meħtieġ fil-punt II.3.6.1 twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux aktar tard minn 120 jum qabel ma nġabar is-semen nhar il- ..... (4);

(1) *jew* [It-test meħtieġ fil-punt II.3.6.2. twettaq l-aħħar mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabar is-semen nhar il- ..... (4);]

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima C**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

([1]) *inkella* [L-istat non-shedder taż-żiemel tal-għalla seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament virali li twettaq mhux aktar minn sena qabel ma nġabar is-semen nhar il- ..... ([4]);]

II.3.7.3. It-testijiet meħtieġa fil-punt II.3.6. twettqu waqt il-perjodu obbligatorju ta' 30 jum ta' ħażna tas-semen iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara l-ġbir tas-semen fuq kampjuni li ttieħdu nhar il- ..... ([4]) u nhar il- ..... ([4]);

II.4. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar, ġie pproċessat, inħażen u ġie ttrasportat taħt kundizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.11.: Il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-post tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.22.: L-għadd ta' pakketti għandu jaqbel mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23.: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.28.: L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) L-importazzjonijiet tas-semen ekwin huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 dejjem jekk is-semen ikun inġabar fil-parti mit-territorju tal-pajjiż terz iddettaljat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija tal-ekwidi indikata fil-kolonni 11, 12 jew 13 f'dak l-Anness.

([3]) It-test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (test Coggins) jew l-ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-ekwidi donaturi li ilhom residenti fl-Iżlanda kontinwament sa minn twelidhom, dejjem jekk l-Iżlanda baqgħet uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina u ma ddaħħlu ebda ekwidi u semen, *ova* jew embrijuni tagħhom minn barra l-Iżlanda qabel u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen.

([4]) Niżżel id-data.

([5]) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-konsenja.

([6]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

— It-timbru u l-firma jridu jkunu b'kulur differenti minn dak tal-istampar.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼B

*Sezzjoni D*

MUDELL 4 - Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni ta' konsenji tas-semen tal-ekwidi miġbura, ipproċessati u maħżuna bi qbil mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014, u ta' konsenji ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna bi qbil mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 jew qabel l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru tal-ħżin tas-semen approvat

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-telefown | I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-telefown |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini — Kodiċi ISO — I.8. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO — I.10. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Ċentru tas-semen ☐<br><br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Ċentru tas-semen ☐ — L-impriża ☐<br><br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |

| | |
|---|---|
| I.15. Mezz tat-Trasport<br><br>Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE<br>I.17. Nru/Nri tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)<br>**05 11 99 85**<br>I.20. Kwantità |
| I.21. | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br><br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br><br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br><br>Speċi (Isem xjentifiku) — Identità tad-donatur — Data tal-ġbir — Kwantità | |

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima D**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, tal-pajjiż esportatur ([2]) ....., b'dan
*(isem il-pajjiż esportatur)*

niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru ([3]) deskritt fil-Kaxxa I.11. fejn inħażen is-semen għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni:

([1]) *jew* [II.1.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(I)(1) u huwa operat u ssorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE ([4]);]

([1]) *inkella* [II.1.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(I)(2) u huwa operat u ssorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

II.2. Is-semen li se jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea:

II.2.1. inġabar, ġie pproċessat u nħażen għal perjodu minimu ta' 30 jum minnufih wara li nġabar f'ċentru tal-ġbir tas-semen approvat ([5]) li huwa operat u ssorveljat bi qbil mal-Kapitoli I(I)(1) u I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, li

([1]) *jew* [jinsab fil-pajjiż esportatur;]

([1]) *inkella* [jinsab fi ..... ([2]), u ġie importat fil-pajjiż esportatur f'kundizzjonijiet stretti tal-inqas daqs dawk għall-importazzjonijiet tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina fl-Unjoni skont id-Direttiva 92/65/KEE;]

II.2.2. twassal saċ-ċentru deskritt fil-Kaxxa I.11 f'kundizzjonijiet li huma stretti mill-inqas daqs kif deskritt fi:

([1]) *jew* [il-Mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/659 ([6]);]

([1]) *inkella* [il-Mudell 2 fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/659 ([6]);]

([1]) *inkella* [il-Mudell 3 fit-Taqsima C tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/659 ([6]);]

([1]) *inkella* [il-Mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/471/UE ([6]);]

([1]) *inkella* [il-Mudell 2 fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/471/UE ([6]);]

([1]) *inkella* [il-Mudell 3 fit-Taqsima C tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/471/UE ([6]);]

([1]) *inkella* [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/539/KE ([6]);]

II.2.3. inħażnet taħt kundizzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.4. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat bi qbil mal-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.11.: Il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen minn fejn intbagħat is-semen.

Kaxxa I.17.: Għandu jkun indikat in-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa li akkumpanjaw is-semen deskritt hawn fuq miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tiegħu saċ-ċentru tal-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq. L-oriġinal(i) ta' da(w)n id-dokument(i) jew da(w)n iċ-ċertifikat(i) jew il-kopja/kopji ffirmata/ffirmati uffiċjalment tiegħu/tagħhom irid(u) jinthemżu ma' dan iċ-ċertifikat.

▼B

**PAJJIŻ** **Semen ekwin – Taqsima D**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Kaxxa I.22.: L-għadd ta' pakketti għandu jaqbel mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23.: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.28.: L-identità tad-donatur għandha taqbel mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

